# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 14 ◊ Ġunju 2016

## L-EDITORJAL



Wasalna fil-ħarġa numru 14. Din l-edizzjoni qed tagħti ftit pubbliċità lil-Linji Gwida Interni li d-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea nieda ftit tax-xhur ilu. Kien tabilħaqq f'loku li jkollna dokument ta' referenza wieħed li jindirizza kwistjonijiet grammatikali u oħrajn marbuta mal-istil u mal-punteġġjatura, u li jiġbor fih tagħrif marbut ma' dokumenti partikolari.

Kitba oħra tfakkar fit-topikalizzazzjoni bħala element naturali fit-taħdit u bħala alternattiva għas-sintassi robotika li kultant tokkorri f'xi testi tradotti minħabba l-influwenza qawwija tas-sintassi tal-lingwa sors.

It-tieni taqsima hi ddominata minn kwistjonijiet legali. Insemmu l-artiklu li jiddistingwi l-*evażjoni* u l-*evitar* tat-taxxa ta' David Borg. Louiselle Saunier-Borg tagħtina artiklu dwar it-traduzzjoni tal-frażi *provided for*, filwaqt li Chris Vella jgħinna nifhmu l-kunċetti ta' *delitt* u *kważi delitt*.

Ivan Said jikteb dwar id-diversi tentattivi li saru biex tinqaleb għall-Malti d-Divina Commedia. Jagħtina wkoll artiklu dwar Paul Zahra, li rebaħ il-premju tal-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb fil-qasam tat-traduzzjoni. F'din il-ħarġa nfakkru wkoll il-kittieb Taljan Umberto Eco li ħalliena fi Frar li għadda. Il-Prof. Clare Vassallo, eks studenta tiegħu, tikteb dwar il-filosofija ta' Eco b'rabta mat-teorija tat-traduzzjoni.

Qed noħorġu wkoll suppliment marbut mat-terminoloġija tal-Politika Agrikola Komuni. Minn din l-edizzjoni dan għandu libsa ġdida ta' glossarju fejn qed jingħata t-terminu bl-Ingliż u bil-Malti kif ukoll id-definizzjoni.

Bħal dejjem nirringrazzjaw lill-kontributuri f'din ir-rivista li jaqsmu l-kitbiet riċerkati tagħhom mal-qarrejja ta' *l-aċċent.* L-għan jibqa' dejjem dak li nsaħħu s-sengħa tat-traduzzjoni u l-interess fi lsienna.

*Il-Bord Editorjali*

# IL-WERREJ

**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

It-topikalizzazzjoni 3

Il-Linji Gwida Interni għat-tradutturi tal-Kummissjoni 6

Mistoqsija u Tweġiba 8

**KELMA B'KELMA**
**It-terminoloġija**

It-traduzzjoni tal-frażi legali *provided for* 10

X'inhi d-differenza bejn *evażjoni* u *evitar tat-taxxa*? 13

*Delitti u kważi delitti* 16

**MILL-GĦATBA 'L BARRA**
***Aspetti oħra***

Min ifittex, isib 19

It-tradizzjoni tat-traduzzjoni 21

"It-traduzzjoni hija l-lingwa tal-Ewropa" - Umberto Eco 23

Paul Zahra – Rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 25

Meta "kulħadd qiegħed jiddiletta jiġbor l-istampi tad-Divina Commedia"... Storja fil-qosor tal-qlib tal-poema ta' Dante għall-Malti 31










**Ma' din l-edizzjoni** –
Suppliment terminoloġiku dwar il-Politika Agrikola Komuni

**It-tim ta'** ***l-aċċent***

**Koedituri**: Louise Vella, Alan Delia
**Distribuzzjoni**: Maryann Agius
**Impaġnar u disinn**: Alan Delia
**Qari tal-provi finali**: Marija Agius, Claire Bonello
**Editur tal-istil**: Mark Amaira
**Segretarju Eżekuttiv**: Ivan Said

# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## It-topikalizzazzjoni

Mark Amaira

It-titlu ta' dan l-artiklu qed jirreferi għal wieħed mill-mekkaniżmi ewlenin sintattiċi, u allura semantiċi, ta' lsienna. Din it-tema diġà semmietha Louise Vella f'Ġunju tal-2010 f'wieħed mill-artikli tat-tielet ħarġa ta' *l-aċċent* dwar il-passiv.[1]

Iżda qabel nittratta t-topik, jeħtieġli nippreżenta kuntest li jgħinna nifhmuh aħjar. F'waħda mir-riċerki li għamilt fl-2014 fuq l-ordni tal-kostitwenti fis-sentenzi tal-Malti fost l-oħrajn wasalt għall-konklużjoni li l-verb jitħabat sew biex jibqa' kemm jista' jkun qrib l-oġġett, l-aktar dak dirett. Se nislet xi eżempji malajr: *Pawlu* ***bagħat il-ktieb*** *lil Marija*, jew *Pawlu* ***l-ktieb bagħat*** *lil Marija*, *jew Pawlu lil Marija* ***bagħat il-ktieb***, jew *Lil Marija* ***bagħat il-ktieb*** *Pawlu*. Mhux ta' b'xejn li f'sentenza tranżittiva, jiġifieri b'suġġett u b'oġġett, sibtha bi tqila biex nixħet is-suġġett bejn il-verb u l-oġġett, u mhux ta' b'xejn lanqas li l-verb Malti jilqa' l-pronomi mehmużin b'idejh miftuħa tant li jwaħħadhom miegħu morfoloġikament. Dawn il-pronomi ħafna drabi jkunu jirreferu għall-oġġett dirett eż: *xtratni*, jew għall-oġġett indirett eż: *xtratli*, jew għat-tnejn li huma f'daqqa eż: *xtrathuli*.

Meta jinhemżu miegħu dawn it-tliet tipi ta' suffissi pronominali, il-verb jikseb ċertu importanza sintattika, fis-sens li s-sentenza tkun tista' tgħaddi mingħajr it-tliet elementi sintattiċi ewlenin: is-suġġett, l-oġġett dirett u l-oġġett indirett. Għax fit-taħdit, l-għarfien kuntestwali jintuża b'tali mod li l-verb bil-pronomi mehmużin ikun biżżejjed għall-kelliema biex jinftiehmu. Pereżempju meta ngħid *Qlajtha dalgħodu* aktarx kulħadd jifhimni li qed nirreferi għal xi għajta jew ċitazzjoni, meta ngħid *Blajtu* aktarx kulħadd jifhem li qed nitħaddet dwar xi riħ, jew meta nistaqsi *Smajtuha l-aħwa?* kulħadd iħares jistenna l-aħbar bil-kurżità.

Minbarra dawn il-verbi bil-pronomi li saru espressjoni, il-kelliem, jekk ikun jaf li s-semmiegħ hu konxju mill-kuntest, jaf tiġih naturali li jħaddem dan il-mudell għall-bqija tal-verbi tranżittivi u ditranżittivi. Ngħidu aħna, flok jgħid *Il-kappillan bagħat l-ittra lili*, min ikun jaf x'qed jiġri jirnexxilu jifhem mill-ewwel jekk jingħadlu *Il-kappillan bagħathieli*, jew sempliċiment *Bagħathieli*.

Dawn il-kostruzzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' dak li Borg u Azzopardi-Alexander (1997) isejħulu l-psewdopassiv, eż: *Il-qattusa gidimha l-kelb* u li, fil-Malti, Borg (2013) iqisu ferm aktar naturali mill-passiv bħal *Il-qattusa ngidmet mill-kelb*; speċjalment billi s-suġġett sfurzat bil-frażi *mill-kelb* f'din tal-aħħar isir fakultattiv u allura "jista' jitħalla barra

[1] http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_03_mt.pdf




Għal min jixtieq japprofondixxi, din il-pubblikazzjoni hi disponibbli mil-librerija tal-Kummissjoni Ewropea.

mingħajr ma tiġi affettwata l-validità sintattika tas-sentenza."[2] Il-Prof. Borg jispjega li fil-każ tas-sentenza psewdopassiva *Il-qattusa gidimha l-kelb*, is-suġġett *il-kelb* xorta jibqa' jidentifika l-aġent filwaqt li l-oġġett *il-qattusa* jibqa' jidentifika l-pazjent – eżatt bħas-sentenza attiva *Il-kelb gidem il-qattusa* – madankollu l-oġġett qed jiġi topikalizzat u jinxteħet f'ras is-sentenza. Borg u Azzopardi-Alexander (2007) jiktbu li "t-topik ma jinvolvix relazzjoni grammatikali mal-bqija tas-sentenza, iżda relazzjoni aktar laxka ta' natura semantika/pragmatika"[3] u allura dan kollu għandu x'jaqsam ukoll mat-tifsir.

L-eżempju ta' Borg juri li l-oġġett ewlieni tas-sentenza hu l-pronom mehmuż *-ha*, filwaqt li l-oġġett topikalizzat fil-bidu tas-sentenza hu sekondarju. Din it-tennija tal-oġġett, tant frekwenti fit-taħdit, hi karatteristika li fil-lingwa nsejħulha 'id-duplikazzjoni tal-oġġett'; u dwar dan nirreferi għal Čéplö f'Borg *et al.* (2014).

Il-lingwista Čéplö (2014) jispjega li fil-Malti l-oġġett topikalizzat mhux dejjem jinxteħet f'ras is-sentenza. Isemmi l-eżempju *Fejn iridu jafu jużawha l-Bibbja biex...* U jgħid ukoll li l-oġġett topikalizzat jista' jkun oġġett dirett eż: *Il-Kummissjoni, dan ir-rapport jixħitha f'baħar ta' inkwiet* jew oġġett indirett eż: *Il-Kummissjoni, din id-Deċiżjoni tagħtiha setgħa biex...* Ħafna minn dawn l-eżempji tat-topikalizzazzjoni meħudin minn xogħolna juruna li l-markatur tal-oġġett *lil* jista' jitħalla barra meta l-oġġett jiġi topikalizzat.

Barra minn hekk jidher li t-topik mhux bilfors ikun l-oġġett tas-sentenza u li sentenza jaf ikollha aktar minn topik wieħed eż: *L-isqof, l-ittra, ilbieraħ bgħatnihielu*, infatti Borg u Azzopardi-Alexander (2007) jispjegaw li fost l-oħrajn it-topik jista' jkun:

- is-suġġett tas-sentenza
  eż: *Din il-bidla, il-prifinanzjament li jirċievu l-Istati Membri se żżidu sa 30%.*

- frażi prepożizzjonali
  eż: *Dan ir-rapport jispjega li d-Direttiva dwar l-Għasafar, kull Stat Membru jrid ikun konformi magħha sa tmiem l-2012.*

---

[2] Meħuda minn korrispondenza bil-miktub mal-Prof. Albert Borg fl-2013 waqt diskussjoni fuq it-teżi tal-Masters.

[3] Kwotazzjoni mill-paper ta' Borg u Azzopardi-Alexander, misluta mill-ġabra *Introducing Maltese Linguistics*, John Benjamins Publishing, 2009.

Din hi korretta daqs *Dan ir-rapport jispjega li kull Stat Membru jrid ikun konformi mad-Direttiva dwar l-Għasafar sa tmiem l-2012.*

- frażi avverbali
  eż: *L-Inizjattiva tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, illum, il-Kummissjoni qed timpenja ruħha li żżidilha l-allokazzjoni baġitarja b'1.5% sa 30%.*

Dawn l-eżempji misluta mit-traduzzjonijiet tagħna juru biċ-ċar li t-topikalizzazzjoni ma tfeġġx biss fit-taħdit jew fit-traskrizzjonijiet tat-taħdit, iżda hi siewja wkoll fil-kitbiet bil-Malti u fit-traduzzjonijiet għall-Malti. Dan l-aħħar laqqgħuni ma' dan l-eżempju bl-Ingliż: *Option 3 was not supported by the French, Czech, Bulgarian and Polish experts.*

It-traduttur kien bejn ħaltejn kif se jittraduċiha din is-sentenza, jekk hux *L-alternattiva 3 ma kinitx appoġġjata mill-espert Franċiż, Ċek, Bulgaru u Pollakk* jew *L-alternattiva 3 ma kinitx appoġġjata mill-esperti ta' dawn il-pajjiżi: Franza, ir-Repubblika Ċeka, il-Bulgarija u l-Polonja*, eċċ. u għalhekk talab il-perspettiva tal-Prof. Borg.

Filwaqt li jsejjes fuq l-għarfien li għandu fit-topikalizzazzjoni, il-Prof. Borg irnexxielu joħroġ bi traduzzjoni interessanti: *L-alternattiva 3, l-esperti ta' Franza, tar-Repubblika Ċeka, tal-Bulgarija u tal-Polonja m'appoġġjawhiex.*

**"Dawn l-eżempji misluta mit-traduzzjonijiet tagħna juru biċ-ċar li t-topikalizzazzjoni ma tfeġġx biss fit-taħdit jew fit-traskrizzjonijiet tat-taħdit, iżda hi siewja wkoll fil-kitbiet bil-Malti u fit-traduzzjonijiet għall-Malti."**

**Biblijografija**


Amaira, Mark. "Il-kategoriji grammatikali tal-Malti: il-verbi, in-nomi u l-aġġettivi." Teżi tal-MA, L-Università ta' Malta, 2014.

Aquilina, Joseph. *The structure of Maltese: a study in mixed grammar and vocabulary*. Malta: L-Università ta' Malta, 1973.

Borg, Albert. "The structure of the noun phrase in Maltese." *Rivista di Linguistica* 8.1 (1996): 5-28.

Borg, Albert. Korrispondenzi personali, 2013.

Borg, Albert, u Marie Azzopardi-Alexander. *Maltese. Lingua Descriptive Grammars.* Londra: Routledge, 1997.

Borg, Albert, u Marie Azzopardi-Alexander. "Topicalisation in Maltese." F'*Introducing Maltese Linguistics*, editjat minn Bernard Comrie, Ray Fabri, Manwel Mifsud, E. Hume, T. Stolz, u M. Vanhove. Amsterdam: John Benjamins, 2009.

Borg, Albert, Sandro Caruana, u Alexandra Vella, ed. *Perspectives on Maltese Linguistics (Studia Typologica).* De Gruyter, 2014.

Čéplö, Slavomír. "An overview of object reduplication in Maltese." F'*Perspectives on Maltese Linguistics*, 2014.

Comrie, Bernard, Ray Fabri, Manwel Mifsud, E. Hume, T. Stolz, u M. Vanhove, ed. *Introducing Maltese Linguistics*. Amsterdam: John Benjamins, 2009.

Fabri, Ray, u Albert Borg. "Topic, focus and word order in Maltese." F'*Aspects of the dialects of Arabic today*, editjat minn Abderrahim Youssi, Fouzia Benjelloun, Mohamed Dahbi, u Zakia Iraqui-Sinaceur, 354-363. Rabat, il-Marokk, 2000.

Youssi Abderrahim, Fouzia Benjelloun, Mohamed Dahbi, u Zakia Iraqui-Sinaceur, ed. *Aspects of the dialects of Arabic today*. Rabat, il-Marokk, 2000.


*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# *Il-Linji Gwida Interni* għat-tradutturi tal-Kummissjoni

Louise Vella

Fl-2009, id-Dipartiment tal-Malti fid-Direttorat tat-Traduzzjoni kien għadu qed jitmexxa mill-Kap tad-Dipartiment Spanjol, is-Sur Francisco Valeri Cobo. Għalkemm il-Malti ma kienx jitkellmu, is-Sur Valeri kien jgħaddilna enerġija pożittiva biex nieħdu l-inizjattivi li hu kien jemmen fihom b'qalbu kollha. Kien ħeġġeġ lil uħud minna biex nibdew naħdmu fuq rivista li tindirizza ħwejjeġ rilevanti għall-istituzzjonijiet kollha, u li kellha sservi ta' pont bejniethom kif ukoll mal-professjonisti tal-lingwa li jinsabu f'Malta. U twieled *l-aċċent*. Kien saħaq ħafna wkoll dwar il-bżonn li d-Dipartiment ikollu dokument ta' referenza wieħed, speċi ta' gwida tal-istil komuni għall-unitajiet differenti. Dak iż-żmien konna għadna naħdmu fi tliet unitajiet (illum fi tnejn). Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni, ma tiskantax li unità ġieli kienet tadotta prassi li ma taqbilx eżatt ma' dik f'xi unità oħra.

Fl-2009, bl-involviment tas-Sur Joe Caruana (dak iż-żmien kap ta' waħda mit-tliet unitajiet) beda x-xogħol fuq gwida tal-istil interna. Minn dakinhar id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea organizza bosta seminars bil-ħsieb li t-tradutturi jkunu jistgħu jwasslu l-mistoqsijiet tagħhom anke huma direttament lir-riċerkaturi tal-lingwa. Barra minn hekk, kemm-il darba bgħatna xi mistoqsijiet lill-Kunsill tal-Malti jew lil membri mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università. Il-pubblikazzjoni li għadna kif




nedejna bħala Dipartiment, jiġifieri *Il-Linji Gwida Interni*, tinkludi bosta tweġibiet li għaddewlna l-Prof. Albert Borg, il-Prof. Ray Fabri, il-Prof. Manwel Mifsud, Dr George Farrugia u Dr Michael Spagnol. Li ma kienx għalihom u għas-Sur Joe Caruana, ma kienx ikollna l-linji gwida sodi li qed nibbenefikaw minnhom illum.

Il-linji gwida qassamniehom fi tliet partijiet. L-ewwel parti tindirizza kwistjonijiet grammatikali u nistennew li din tibqa' tikber. It-tieni taqsima tiffoka iktar fuq ħwejjeġ marbuta mal-istil u mal-punteġġjatura, u minbarra li tfakkar fl-importanza ta' *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali*, tiggwida lit-traduttur dwar l-istil li jrid jimxi miegħu meta jittraduċi dokumenti li ma jkunux se jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. It-tielet

taqsima sservi ta' ċentru fejn jinġabru tagħrifiet marbuta ma' dokumenti speċifiċi u li jkunu ġew iċċirkolati internament: m'hemm xejn fiha marbut mal-grammatika jew mal-istil.

Insistejna wkoll dwar l-importanza tal-kitba b'Malti ċar u korrett. Aħna mhux liġijiet biss nittraduċu. Filwaqt li r-reġistru legali jiddetta lingwaġġ partikulari f'testi partikulari, fil-bqija tad-dokumenti rridu nżommu f'moħħna udjenza iktar wiesgħa. F'idejna ġieli jiġu stqarrijiet għall-istampa, fuljetti u powsters informattivi, kotba għat-tfal tal-iskola, xi skript biex jinqara waqt filmat... testi fejn il-lingwaġġ legali mhux postu.

Huwa għalhekk li fil-linji gwida kkoperajna fil-qrib mas-Sur Joe Mizzi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Bis-saħħa tiegħu, lit-tradutturi wassalnielhom tabella li telenka b'mod ċar ħafna liema huma d-dokumenti li jmorru fil-Ġurnal Uffiċjali u liema le. Saħansitra indikajna liema huma d-dokumenti li minn idejna jgħaddu għand il-qarrejja tal-provi. Ngħidu aħna, l-istqarrijiet għall-istampa u d-diskorsi tal-Kummissarji ma jgħaddux għand il-qarrejja tal-provi għall-iskrutinju tagħhom.

Fl-2015, ir-responsabbiltà għal-*Linji Gwida Interni* għaddiet f'idejn il-Grupp Lingwistiku li twaqqaf biex jittratta l-kwistjonijiet lingwistiċi u stilistiċi tad-Dipartiment.

*Il-Linji Gwida Interni* tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea jinsabu fuq l-internet:

http://ec.europa.eu/translation/maltese/guidelines/documents/styleguide_maltese_dgt_mt.pdf

*Louise Vella hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

**Silta minn *Il-Linji Gwida Interni***

**L-artiklu fit-titli u fit-tabelli**

Fil-Malti l-artiklu jifforma parti integrali min-nom definit. Iżda kien sar qbil interistituzzjonali li fit-titli li jidhru fil-leġiżlazzjoni u fit-tabelli jew fl-istampi, l-artiklu – meta possibbli – ma jinkitibx. Ir-raġuni għal dan ma kinitx waħda grammatikali iżda purament stilistika. Għaldaqstant, meta l-grammatika assolutament ma tippermettix li l-artiklu jitwaqqa', dan m'għandux jitneħħa.

Ikun xi jkun il-każ, fit-test innifsu xorta waħda nżommu l-artiklu ma' dik it-taqsima tat-test, jiġifieri

minflok: ~~Kif stipulat f'Artikolu 2~~
niktbu: Kif stipulat fl-Artikolu 2

minflok: ~~Kif imniżżel f'Kapitolu 6~~
niktbu: Kif imniżżel fil-Kapitolu 6

Meta nirreferu għal Regolament, Direttiva, Deċiżjoni jew għal xi Kawża jew Sentenza tal-Qorti, irridu nużaw l-artiklu, u anki fin-noti tal-qiegħ kif tispjega *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* p. 98:
[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 dwar it-twaqqif ta' skema Komunitarja ta' dazji doganali...
[2] Il-Kawża T-372/14, HK Intertrade Co. Ltd SA vs il-Kunsill...




Il-promoturi ta' din il-pubblikazzjoni tawna l-permess nirriproduċu dan il-powster pubbliċitarju.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/mistoqsijiet?id=91

# Mistoqsija: 61.3 "millimetru" jew "millimetri" xita?

Soluzzjonijiet bħal dawn (għal problemi relattivament ġodda) ma jaqgħux mis-sema, u ma jivvintahomx min jistudja l-lingwa. Ifittixhom fil-lingwa stess, fuq fomm in-nies, u – iktar iva milli le – isib tweġiba li jista' japplikaha għall-każ ġdid tiegħu. Issa l-Malti forsi ma kellux id-deċimali minn dejjem, imma frazzjonijiet kellu.

Jekk ikollna "5 and a half gallons of water" ilkoll ngħidu ħames galluni u nofs ilma (u mhux ħamsa u nofs galluni ilma). Mela fil-Malti l-ewwel tagħti l-kejl is-sħiħ u mbagħad issemmi l-frazzjoni tas-sħiħ.

Għalhekk, b'dan il-mudell tal-frazzjonijiet nista' nsolvi l-problema tad-deċimali. Mela, bil-mudell ta' ħames galluni u nofs nista' nibni:

- wieħed u sittin millimetru punt tlieta (u mhux wieħed u sittin punt tlieta millimetri)
- erba' litri punt sebgħa (u mhux erbgħa punt seba' litri)
- seba' gradi punt tnejn (u mhux sebgħa punt tnejn gradi)

Iktibhom skont kif taqrahom. U minħabba li din is-soluzzjoni timxi mas-sintassi li dejjem uża l-kelliem Malti, tinħass ħafna iktar naturali u ħafna inqas imqanżħa.

*Prof. Manwel Mifsud*

Nota: Dwar l-istess suġġett tista' taqra wkoll l-artiklu ta' David Agius Muscat fil-ħarġa nru 7 ta' *l-aċċent*: http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_07_mt.pdf

---

*l-aċċent* isellem lil Ċikka.

Prosit, Ċikk!



## KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

# It-traduzzjoni tal-frażi legali *provided for*

Louiselle Saunier-Borg

Aħna u nittraduċu, speċjalment il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea mill-verżjoni Ingliża, ta' sikwit niltaqgħu mal-frażijiet li ġejjin: *provided for... /stipulated in... /established in... /as foreseen in... /as set out...* Kemm-il darba niġu f'dubju jekk dawn il-frażijiet ifissrux l-istess ħaġa. F'dan l-artiklu se nipprova nwieġeb din il-mistoqsija.



Fit-traduzzjonijiet tiegħi, **stipulat** nużaha l-aktar għal *set out*, *established in* (għalkemm għal dawn tal-aħħar nippreferi nuża l-verb **stabbilit**) jew għal *as laid down in the law*. Il-verb **previst** (inkella **kif previst** jew **jipprevedi)** nużah l-aktar għal *foreseen* jew *provided for*.

Jekk ikolli nispjega għalfejn nagħmel din id-differenza, nammetti li hija aktar kwistjoni ta' preferenza personali milli ta' għażla msejsa fuq raġunament oġġettiv. Iżda peress li kultant żmien din il-kwistjoni terġa' titqajjem fostna, għamilt sforz biex nindagaha ftit aktar fil-fond, speċjalment mil-lat lingwistiku u mil-lat legali.

Fl-Ingliż,[1] dwar il-verb **to provide,** il-*Collins Dictionary* jgħid hekk - "*1... to put at the disposal of; furnish or supply. 2. To afford; yield: this meeting provides an opportunity to talk. 3 (intr; often followed by for or against) to take careful precautions (over): he provided against financial ruin by wise investment. 4. (intr; followed by for) to supply means of support (to), especially financially: he provides for his family. 5. (in statutes, documents, etc) to determine (what is to happen in certain contingencies), esp by including a proviso condition. 6. To confer and induct into ecclesiastical offices. 7. To have or to get in store: in summer many animals povide their winter food.*"[2,3]

---

[1] Iddeċidejt li nieħu l-lingwa Ingliża bħala l-punt tat-tluq minħabba li b'mod ġenerali nittraduċu minnha, ħaġa li kultant toħloq problemi fir-reġistru legali Malti. Li kieku nittraduċu mit-Taljan jew mill-Franċiż, l-affarijiet ikunu aktar faċli. Mid-dehra l-kwistjoni tat-traduzzjoni ta' *provided for* tinqala' aktar ta' spiss meta nittraduċu mill-Ingliż, għax dak li jkun jiġih suspett jekk għandux juża **previst** jew **ipprovda**. Li kieku nittraduċu dejjem mill-Franċiż jew mit-Taljan il-kwistjoni żgur li ma tqumx minħabba li huma fil-biċċa l-kbira jużaw il-verbi 'prevoit/previsto'.
[2] Collins English Dictionary, p. 1305, sixth edition 2003, latest reprint 2004.
[3] Collins jispjega li l-etimoloġija tal-kelma ***provide*** hija mil-Latin *providere*, minn *pro* (beforehand) + *videre* (to see).

Min-naħa l-oħra, id-definizzjoni fl-istess dizzjunarju tal-verb **to stipulate** hija - 1. *[...]to specify, often as a condition of an agreement. 2. To insist as a term of an agreement. 3.* Roman Law *to make (an oral contract) in the form of question and answer necessary to render it legally valid. 4. To guarantee or promise.*[4]

Barra minn hekk, meta fil-Google daħħalt il-mistoqsija *'What is the difference between to provide for and to stipulate?'* wieħed mir-riżultati kien jgħid hekk - "*As verbs, the difference between provide and stipulate is that **provide** is to make a living; earn money for necessities while **to stipulate** is to require (something) as a condition of a contract or agreement*."

Kollox jikkonferma li filwaqt li l-verb **to provide** huwa pjuttost ġenerali u jista' jintuża faċilment f'diversi ċirkostanzi, il-verb **to stipulate** huwa aktar speċifiku u saħansitra ħafna aktar marbut ma' ċirkostanzi legali.

Wara diskussjonijiet ma' xi wħud minn sħabi l-avukati, skoprejt ukoll li għalkemm wieħed jista' jissuspetta li **provided for** u **jipprevedi** jistgħu jitqiesu ħbieb foloz, dan mhuwiex il-każ: fl-Ingliż, il-kelma **foreseen** (il-verb *previst* fil-veru sens tal-kelma) ġieli tintuża b'mod interkambjabbli ma' **provided for.** L-intenzjoni tal-leġiżlatur hija dejjem l-istess, jiġifieri li l-leġiżlatur ħaseb għalihom jew semmihom f'dak l-Artikolu partikolari. Ngħidu aħna, fir-Regolament 31999R2161 insibu: Commission Regulation (EC) No 2161/1999 of 12 October 1999 imposing further testing requirements on the importers or manufacturers of a certain priority substance as foreseen[5] under Council Regulation (EEC) No 793/93 on the evaluation and control of the risks of existing substances.

Minflok il-kelma *foreseen*, fit-titolu setgħet faċilment intużat il-frażi *provided for*. Fil-premessi wkoll intuża l-verb *foresees* fejn ħafna drabi mdorrijin naraw *provides that* jew *provided that*. Iżda għat-traduzzjoni *provide for*, wieħed jista' faċilment juża l-verb **jistipula** minflok **previst**... u jkun qed jgħid eżattament l-istess ħaġa.

---

[4] Collins English Dictionary, p. 1587, sixth edition 2003, latest reprint 2004. L-aktar ħaġa li laqtitni f'din id-definizzjoni kienet l-etimoloġija tal-kelma **stipulate**. Id-dizzjunarju jgħid hekk: "from Latin *stipulari*... but perhaps from stipula, a stalk, from the convention of breaking a straw to ratify a promise".

[5] Għalkemm tajjeb insemmu wkoll li l-użu ta' *foresee*, bħala sinonimu ta' *to provide*, huwa żbaljat:
[...] In EU texts, it is incorrectly used in many ways that correspond more or less to the uses of the French word 'prévoir' or the German 'vorsehen' (both literally fore-see). We are told that 'X is foreseen in the Regulation' (= set out in/provided), that 'on-the-spot checks are foreseen' (= intended/planned) and that 'our procedures foresee (= include/provide for) documentary checks'. Even when used with the right meaning, 'foresee' is often syntactically awkward as it does not, for example, normally govern the infinitive: thus 'Croatia is foreseen to join the Union in 2013' is odd, whereas 'Croatia is expected to join the Union in 2013' is not.
In the example below, the author intended to say that the fleet adjustment schemes provided for the scrapping of 367 vessels. What he actually says is that they predict it.
Example
'In total, Member States adopted 13 Fleet Adjustment Schemes (FAS), which foresee the scrapping
of 367 vessels accounting for 32 448 GT and 50 934 kW92.'
Alternatives
According to the exact meaning intended: envisage, plan, lay down in, set out in, provide
(for), contemplate, expect, predict.
http://ec.europa.eu/translation/english/guidelines/documents/misused_english_terminology_eu_publications_en.pdf

Fil-fatt, meta wieħed jikkonsulta l-Korpus tal-Malti[6] jiskopri li għal **previst** hemm diversi entrati relatati mal-liġi Maltija. Iżda l-għadd ta' entrati għal **stipulat** (u kklassifikati bħala 'LAW') huwa konsiderevolment akbar.[7] Meta tkellimna mas-Sur Imħallef Emeritu Giovanni Bonello, hu stqarr magħna li fil-passat l-aktar espressjoni li kienet tintuża kienet, "kif **ikkontemplat**" u għaldaqstant fittixt ukoll din il-frażi fil-Korpus. Tnejn u tletin mid-diversi entrati li sibt kienu speċifikament relatati mal-liġi Maltija u dik Ewropea u l-biċċa l-kbira minnhom kienu relatati ma' dokumenti mfassla jew diskussi fil-Parlament Malti.

Waqt li kienu għaddejjin id-diskussjonijiet ikkonkludejna wkoll li fil-kuntest ġuridiku Malti **pprovda għal** u **pprovda** ma jintużawx. Naraw li dan japplika anki fit-Taljan, naturalment minħabba li t-termini ġuridiċi tagħna ġejjin minnu. Għal *provided for*, it-Taljani jużaw 'previsto' jew 'stabbilito'. Dan komplejt nikkonfermah meta erġajt dort għall-Korpus Malti: fil-kuntest legali ssib biss żewġ entrati bil-verb **ipprovda għal** jew **ipprovda.** Kollox jindika li din it-traduzzjoni nħolqot mit-tradutturi tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Abbażi tat-tiftix tiegħi nikkonkludi li **previst**, **stipulat** jew **ikkontemplat** jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli għat-traduzzjoni ta' *provided for*. Nistgħu nkomplu nargumentaw ukoll, iżda, li abbażi tad-definizzjonijiet bl-Ingliż li slitt iktar 'il fuq, tal-entrati fil-Korpus Malti u anki tas-sorsi Taljani[8], jidher li **stipulat** hija l-aktar waħda idonea.

Li hu żgur huwa li **pprovda** jew **ipprovda għal** mhijiex traduzzjoni korretta ta' *provided for*. Fejn jidħlu l-frażijiet *established in* u *as set out*, nistgħu nużaw it-terminu **stabbilit**, xi ħaġa li ma toħloqx kunflitt, speċjalment meta nsegwu l-eżempju Franċiż jew dak Taljan.

| **Frażi bl-Ingliż** | **Traduzzjoni ppreferuta** | **Traduzzjoni żbaljata** |
|---|---|---|
| provided for;<br>stipulated | previst;<br>stipulat;<br>ikkontemplat | ipprovda għal |
| established in;<br>as laid down;<br>as set out | stabbilit | |

Nixtieq inrodd ħajr lil Andrew Sammut, Ian Zammit, Colette Bugeja u Flavia Chetcuti tal-għajnuna.
Ħajr ukoll lis-Sur Imħallef Emeritu Giovanno Bonello tal-osservazzjonijiet tiegħu.

*Dr Saunier-Borg hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

[6] http://mlrs.research.um.edu.mt/
[7] Ikklassifikati bħala 'Law' għoddejt 18-il entrata għal **previst** u 250 entrata għal **stipulat**.
[8] http://dizionari.repubblica.it/Italiano/S/stipulare.php?refresh_ce
Concludere formalmente un contratto tramite la redazione del documento nelle forme dovute: *s. un contratto di cessione*
http://www.garzantilinguistica.it/ricerca/?q=stipula%201
stipulare (verbo) *io stìpulo ecc.*contrarre un'obbligazione; concludere
Etimologia**:** ← dal lat. *stipŭ*la(m) 'stelo, filo di paglia'.

# X'inhi d-differenza bejn *evażjoni* u *evitar tat-taxxa*?

David Borg



Disinn: Ilona Cassar

Denis Healey, li kien Chancellor of the Exchequer fir-Renju Unit fis-snin sebgħin, darba qal li *"The difference between tax avoidance and tax evasion is the thickness of a prison wall."*

Is-sena li għaddiet smajna bil-każ imsejjaħ *Lux Leaks*, li kien jirrigwarda ftehimiet bejn il-pajjiż fejn ninsabu, il-Lussemburgu, u diversi kumpaniji dwar il-ħlas ta' taxxa minn dawn il-kumpaniji b'rati favorevoli għalihom. Dan l-artiklu ma jitkellimx fuq dan il-każ, iżda huwa relatat mas-suġġett li nixtieq nistħarreġ, jiġifieri d-differenza bejn **evażjoni** u **evitar (tat-taxxa)**.

Bl-Ingliż hemm il-kunċetti ta' **tax evasion** u **tax avoidance**. Għal dawn iż-żewġ termini, fid-dizzjunarju tal-Prof. J. Aquilina hemm dawn it-tifsiriet: għal tax avoidance, 'arranġament tal-finanzi b'mod li wieħed inaqqas mill-ħlas tat-taxxa', u għal tax evasion, 'evażjoni/ħrib tat-taxxa'.[1]

Hawnhekk diġà għandna spjegazzjoni fil-qosor tad-differenza bejn iż-żewġ kunċetti. F'dan is-sens huwa spjegat li *"Tax avoidance is arranging my affairs within the rules so that I pay the smallest tax bill possible. Tax evasion is when you escape tax by unlawful means"*.[2]

Fi kliem ieħor, **evażjoni tat-taxxa** hija meta xi ħadd jonqos milli jħallas taxxa li skont il-liġi għandu jħallas, u **evitar tat-taxxa** huwa arranġament legali li bih titħallas l-inqas taxxa possibbli. Il-kunċett ta' evitar tat-taxxa huwa iktar diffiċli li jiġi spjegat. Imħallef mill-Indja fisser li l-evitar tat-taxxa hu l-arti ta' kif tevita t-taxxa mingħajr ma tikser il-liġi.[3] Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għamlet din id-

[1] Joseph Aquilina, English-Maltese Dictionary, Midsea Books, Malta, 2000, p. 3275.

[2] Davies, Principles Of Tax Law, Sweet & Maxwell, 2008, p. 9.

[3] "The art of dodging tax without breaking the law", fil-kawża McDowell & Co Limited v CTO 154 v CTO ITR (1985) (L-Indja), iċċitata f'Roy Rohatgi, Basic Internation Taxation, Vol. 2, BNA International Inc., 2007, p. 139.



Hendrick Terbrugghen, *Is-Sejħa ta' San Mattew*, 1621 — San Mattew kien jiġbor it-taxxi.

distinzjoni u rreferiet ukoll għall-evitar tat-taxxa bħala arranġamenti artifiċjali intiżi għall-evitar tal-liġi tat-taxxa.[4]

Fi kliem il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Koen Lenaerts,

> *"In the field of direct taxation, it is of paramount constitutional importance to draw a conceptual distinction between 'tax mitigation' (or 'tax avoidance') and 'tax evasion', since that distinction is essential for the European Court of Justice (the ECJ) in determining the extent to which EU law places limits on the exercise of national taxing powers."*[5]

Bħala eżempju jista' jingħad li ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja li m'hemmx preżunzjoni ta' evażjoni tat-taxxa meta jkun hemm "is-sempliċi fatt li kumpanija residenti toħloq stabbiliment sekondarju, bħal sussidjarja, fi Stat Membru ieħor", iżda "miżura nazzjonali li

[4] Lankhorst-Hohorst GmbH vs Finanzamt Steinfurt, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002 (C:324/00, EU:C:2002:749), mhux tradotta bil-Malti.

[5] Koen Lenaerts, Tax Mitigation vs. Tax Evasion in the Case Law of the European Court of Justice, Teisė, 89, 219-237, 2013. Ara wkoll Tom O'Shea, Tax Avoidance and Abuse of EU Law, The EC Tax Journal, Vol. 11, 2010-11.

tirrestrinġi l-libertà tal-istabbiliment tista' tiġi ġġustifikata meta hija intiża speċifikament għal skemi purament artifiċjali li għandhom l-għan li jaħarbu l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat".[6]

Bil-Franċiż, **évasion fiscale** tfisser **evitar tat-taxxa** u mhux **evażjoni tat-taxxa,** filwaqt li **l-evażjoni tat-taxxa** tissejjaħ **fraude fiscale**. Bit-Taljan u bl-Ispanjol hija iktar faċli, għaliex kemm **evasione fiscale** (bit-Taljan) kif ukoll **evasión fiscal** (bl-Ispanjol) ifissru *evażjoni tat-taxxa*, filwaqt li **elusione fiscale** (bit-Taljan) u **elusión fiscal** (bl-Ispanjol) ifissru **evitar tat-taxxa**.[7] Din id-differenza għalhekk tinsab biss bil-Franċiż:

> *"L'évasion fiscale réside dans les dispositions par un contribuable pour soumettre la matière imposable à la fiscalité la plus avantageuse".*[8]

Sfortunatament spiss isir l-iżball li dawn il-kunċetti jiġu tradotti ħażin. Eżempju ċar ta' dan jinsab fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea, fejn fil-verżjoni Ingliża hemm

> *"The fight against tax fraud and tax evasion"* waqt li dik Franċiża tgħid *"La lutte contre la fraude et l'évasion fiscales".* [9]

[6] Is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes *et* (C:196/04, EU:C:2006:544, il-punti 50 u 51).
[7] Zingarelli, Vocabolario della Lingua Italiana, Zanichelli, 2006, p. 620, 669; Olivier Merlin Walch, Dictionnaire Juridique, Français/Espagnol, Espanol/Frances, L.G.D.J., 2006, p. 869, 890.
[8] Louis Cartou, Droit Fiscal international et Européen, Dalloz, 1986, p. 259.
[9] http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/tax_fraud_evasion/index_en.htm, http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/tax_fraud_evasion/index_fr.htm




Id-distinzjoni mhux dejjem hija daqshekk ċara għax ċerti sistemi ta' evitar tat-taxxa jistgħu jitqiesu illegali jekk imorru kontra d-dritt tal-Unjoni Ewropea. Diversi liġijiet ukoll jippruvaw isibu sistemi kif ma jkunx hemm evitar tat-taxxa. Pereżempju l-liġi Maltija, fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income[10], fost l-oħrajn issemmi, fl-Artikolu 51(1), li:

> *"Meta xi skema li tnaqqas l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas minn xi persuna tkun artifiċjali jew fittizja jew li fil-fatt ma ngħatalhiex effett, il-Kummissarju għandu jinjora l-iskema u l-persuni konċernati jiġu intaxxati skont hekk".*

U fl-Artikolu 95, li:

> *"Meta, fil-fehma tal-Kummissarju, isiru sensiela ta' operazzjonijiet bil-għan waħdani jew ewlieni li jitnaqqas l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas minn xi persuna bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet dwar kreditu ta' taxxa barranija b'rata waħda li jinsabu fl-artikoli minn 92 sa 94, dik il-persuna tkun intaxxata daqslikieku d-dispożizzjonijiet ma kinux japplikaw".*

Dawn id-dispożizzjonijiet itendu li jċajpru d-distinzjoni bejn iż-żewġ kunċetti. Madankollu jidhirli li huwa importanti li din id-distinzjoni ssir, speċjalment fit-traduzzjoni ta' dawn it-termini.

*Dr Borg huwa ġurista lingwista mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja*

[10] Il-Kapitolu 123 tal-Liġijiet ta' Malta: http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8658&l=2

# *Delitti* u *kważi delitti*

Chris Vella

Nota: Id-distinzjoni bejn it-terminu **reat** u t-terminu **delitt** konna ttrattajnieha fil-ħarġa nru 4 ta' din ir-rivista f'artiklu miktub minn Alan Xuereb. F'dan l-artiklu, Chris Vella jkompli japprofondixxi din id-distinzjoni u saħansitra jiddistingwi bejn **delitt** u **kważi delitt**.

Fil-Malti mitkellem, bil-kelma **delitt** ħafna drabi nifhmu qtil jew omiċidju. Fil-kuntest legali, madankollu, għandha tifsira ħafna iktar wiesgħa minn hekk. F'dan l-artiklu se naraw wieħed x'jifhem bil-kelma **delitt** fil-kamp tad-Dritt Kriminali Malti u bil-kliem **delitti** u **kważi delitti** fil-kamp tad-Dritt Ċivili Malti. Se naraw ukoll jekk ir-responsabbiltà bbażata fuq delitti jew kważi delitti hijiex riflessa wkoll fl-ambitu tad-Dritt Ewropew.

Skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi Kriminali Malti, "ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet". Mela kull reat li ma jaqax taħt il-klassifikazzjoni ta' kontravvenzjoni jaqa' neċessarjament taħt il-klassifikazzjoni ta' delitt. Id-**delitti** huma l-iktar reati serji, dak li bl-Ingliż ħafna drabi nirreferu għalihom bħala **crimes**. Il-pieni għal dawn ir-reati huma: (a) il-priġunerija; (b) ir-reklużjoni; (ċ) l-interdizzjoni; u (d) il-multa. Għall-kontravvenzjonijiet, min-naħa l-oħra, il-pieni stabbiliti huma: (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; u (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

Issa l-istess kodiċi kriminali jipprovdi li kull reat jagħti lok għal azzjoni kriminali u għal azzjoni ċivili. L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġuriżdizzjoni kriminali, u



biha tintalab piena kontra l-persuna akkużata. Din l-azzjoni hija essenzjalment pubblika. Din tmiss lill-Istat u titmexxa f'isem ir-Repubblika ta' Malta mill-Pulizija Eżekuttiva jew l-Avukat Ġenerali, skont kif previst mil-liġi. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġuriżdizzjoni ċivili. Din l-azzjoni hija ta' natura privata u permezz tagħha persuna (attriċi) tagħixxi kontra persuna oħra (konvenuta) li allegatament tkun ikkawżat ħsara lill-attriċi bħala konsegwenza ta' reat. B'din l-azzjoni, il-persuna attriċi titlob kumpens għall-ħsara li tkun saritilha bit-twettiq ta' dan ir-reat.

Biex nifhmu aħjar, is-serq huwa eżempju ta' **reat kriminali** li jaqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' **delitt**. Dan id-delitt jagħti lok għal dawn l-imsemmija żewġ tipi ta' azzjonijiet legali. Bl-**azzjoni kriminali**, l-Istat jitlob il-kundanna tal-akkużat għall-piena ta' priġunerija li tvarja skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Bl-**azzjoni ċivili**, min-naħa l-oħra, il-persuna misruqa tagħixxi kontra l-persuna li tkun wettqet is-serq sabiex din tiġi kkundannata troddilha lura l-oġġetti misruqa u/jew tikkumpensaha għal kwalunkwe dannu soffert bħala konsegwenza ta' dan is-serq. Mela dan l-istess att, li jikkostitwixxi delitt skont id-Dritt Kriminali, jagħti lok għal żewġ azzjonijiet differenti bi skopijiet differenti.

L-azzjoni ċivili hija speċifikament irregolata minn dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi Ċivili Malti. Fil-fatt, taħt it-titolu ta' dan il-kodiċi li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet, insibu s-subtitolu: 'Fuq id-Delitti u Kważi-delitti'. Il-verżjoni Ingliża tal-Kodiċi Ċivili Malti tuża t-termini 'Of Torts and Quasi-Torts'. Dan jittratta s-suġġett ta' meta persuna tkun responsabbli għal ħlas ta' ħsarat ikkawżati lil persuna oħra. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subtitolu, kull persuna għandha twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha (Artikolu 1031). Il-liġi tqis li jkun fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (*bonus pater familias*). Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad ikbar (Artikolu 1032). Fi kliem ieħor, bħala regola ġenerali, ħadd mhuwa mistenni jżomm livell ta' attenzjoni ogħla minn dak mistenni minn missier tajjeb tal-familja. Skont l-Artikolu 1033, "[k]ull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

L-enfasi qiegħda fuq il-ksur ta' 'xi dmir impost mil-liġi', u dan kemm jekk wieħed jaġixxi bil-'ħsieb li jagħmel deni' kif ukoll jekk le. Fil-fatt, fil-kuntest ċivili, il-kunċetti ta' **delitt** u **kważi delitt** huma marbuta, minn naħa, ma' kull azzjoni doluża jew intenzjonata li tagħmel ħsara u, min-naħa l-oħra, ma' kull azzjoni kolpuża (negliġenza) jew ma' kwalunkwe ksur ieħor ta' dmir impost mil-liġi. B'mod partikolari, il-kunċett ta' **kważi delitt** għandu portata ferm wiesgħa u jinkludi saħansitra azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma jikkostitwux neċessarjament reati kriminali.

Il-Kodiċi Ċivili jipprevedi diversi sitwazzjonijiet ta' ħtija li mhumiex marbuta mal-intenzjoni doluża tal-persuna responsabbli. Hekk, pereżempju, insibu sitwazzjonijiet ta' responsabbiltà ċivili ta' persuna għal aġir ta' persuna oħra jew ta' annimal li għalih hija tkun responsabbli. B'dan il-mod insibu fl-Artikolu 1034 tal-istess kodiċi li "kull persuna li tieħu ħsieb ta' minuri, jew ta' persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, tkun responsabbli għall-ħsara li jagħmel dak il-minuri jew dik il-persuna meta tonqos milli tieħu l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [sic] biex il-fatt ma jiġrix". B'mod simili, insibu wkoll li s-sid ta' annimal iwieġeb għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna, sew jekk ikun jinsab taħt idejh kemm jekk ikun intilef jew ħarab (Artikolu 1040).

Insibu wkoll li kull min iqabbad persuna li mhix ta' ħila għal xi xogħol jew servizz ieħor, jew li ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat jagħmel tajjeb għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi (Artikolu 1037). Hemm ukoll prevista r-responsabbiltà ta' lukandier fil-każ ta' ħsara jew telf ta' proprjetà li tkun inġiebet fil-lukanda minn xi alloġġjant. Tali responsabbiltà tkun illimitata jekk, *inter alia*, il-ħsara tkun ġiet ikkaġunata, volontarjament jew minħabba negliġenza, anki fi grad żgħir ħafna, mil-lukandier jew minn persuna fl-impjieg tiegħu jew minn xi persuna li huwa jkun responsabbli għall-għemil tagħha (Artikolu 1039). Il-Kodiċi Ċivili jipprevedi wkoll responsabbiltà ta' sid ta' bini għall-ħsara li ssir mit-tiġrif tal-bini, meta dan it-tiġrif jiġri minħabba

nuqqas ta' tiswijiet, jew minħabba difett fix-xogħol tal-bini kemm-il darba huwa kien jaf b'dan id-difett jew kellu raġun jaħseb li kien hemm tali difett (Artikolu 1041).

Ir-responsabbiltà għad-danni għalhekk tmur ferm lil hinn mit-twettiq ta' azzjoni ta' ħsara b'mod intenzjonat. Huwa suffiċjenti li d-danni jkunu riżultat ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi dmir jew obbligu impost mil-liġi sabiex tinħoloq tali responsabbiltà fl-ambitu tal-kunċett ta' **kważi delitt**.

Tali responsabbiltà ċivili għal danni tinsab stabbilita wkoll fil-kuntest tad-Dritt Ewropew. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li "[f]il-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal sistemi legali tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull dannu kkaġunat mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-impjegati tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom." F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet li sabiex ikun hemm tali responsabbiltà jeħtieġ li jiġu ppruvati tliet rekwiżiti: in-nuqqas min-naħa ta' istituzzjoni jew l-impjegati tagħha; id-dannu kkawżat lill-persuna li tressaq il-kawża; u r-rabta kawżali bejn in-nuqqas u d-dannu (*Lütticke vs Il-Kummissjoni*, Kawża 4/69, 1971). Dawn huma, fil-fatt, rekwiżiti bażiċi li huma komuni għal diversi sistemi legali madwar l-Ewropa, fosthom dik Maltija, li tipprevedi rekwiżiti simili għall-istabbiliment tar-responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali.

Interessanti ferm kif tali responsabbiltà ġiet stabbilita wkoll fil-kuntest ta' nuqqas ta' Stat Membru fil-konfront taċ-ċittadini tiegħu bħala benefiċjarji tad-drittijiet stabbiliti favur tagħhom mid-Dritt Ewropew. Minkejja li t-Trattat ma jipprevedix espressament tali responsabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet tali responsabbiltà fuq il-bażi tal-premessa li l-effettività sħiħa tar-regoli tal-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet li dawn jirrikonoxxu jiddgħajfu jekk l-individwi ma jkollhomx il-possibbiltà jiksbu kumpens meta d-drittijiet tagħhom jinkisru minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil Stat Membru.

B'hekk, pereżempju, Stat Membru jkun responsabbli għad-danni sostnuti miċ-ċittadini tiegħu meta tali Stat Membru jonqos milli jimplimenta Direttiva li tistabbilixxi drittijiet favur tali ċittadini (Kawżi magħquda *Francovich u Bonifaci et*, C-6/90, 1991). Stat Membru jkun ukoll responsabbli għad-danni sofferti minn individwu li, fi proċeduri legali quddiem qorti domestika tal-aħħar istanza, jisfa ppreġudikat minħabba li tali qorti tinterpreta ħażin id-Dritt Ewropew wara li tkun għażlet li ma tirreferix il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Kawża *Traghetti del Mediterraneo SpA vs L-Italja*, C-173/03, 2006).

Għaldaqstant, f'każ ta' ksur ta' obbligu bħal dawn l-eżempji indikati, l-individwu li jsofri danni minħabba tali ksur jista' jaġixxi kontra l-Istat quddiem qorti nazzjonali li fuq il-bażi tar-responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali tordna lill-istess Stat jagħmel tajjeb għal tali danni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tali responsabbiltà tal-Istat hija inerenti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea.

*Dr Vella huwa ġurista lingwista mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja*

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

## Min ifittex, isib

Alan Delia

Mal-introduzzjoni tal-kompjuters kienu ħafna dawk li bassru li se jasal żmien meta l-karti ma jintużaw qatt iżjed. Iżda l-viżjoni ta' uffiċċju mingħajr karti qatt ma mmaterjalizzat (għalkemm, biex ngħidu kollox, naqsu ħafna). Il-qarrejja elettroniċi bħall-Kindle, flimkien mal-proġett tal-Google – Google books[1] – u użu aktar mifrux ta' servizzi ta' riċerka onlajn minn pubblikaturi stabbiliti, jidher li qed isiru aktar popolari mill-pubblikazzjonijiet stampati.[2] Mhux ta' b'xejn li fl-2011 kien tħabbar li l-kotba elettroniċi fuq amazon.com bdew jinbiegħu aktar mill-kotba stampati. U din hi x-xejra fl-industrija globali tal-pubblikazzjonijiet. Il-vantaġġi tal-materjal elettroniku huma numerużi. Ibda biex huma orħos biex tipproduċihom, huwa aktar faċli biex wieħed jaċċessahom, jistgħu jiġu aġġornati faċilment u, permezz tas-search function, tiffranka ħafna ħin u strapazz fuq għajnejk.

**"Tista' taċċessa l-FindEr mill-mobile u jekk tkun trid tibqa' aġġornat dwar xi suġġett, is-sistema tista' tibgħatlek email jew messaġġ meta tkun daħlet riżorsa ġdida fuq dak is-suġġett partikolari."**

Il-librerija tal-Kummissjoni, biex timxi maż-żminijiet, biddlet isimha u minn 'Il-Librerija Ċentrali' issa saret 'Il-Librerija u ċ-Ċentru tar-Riżorsi Elettroniċi'. Tidher bidla kożmetika, iżda fil-verità, tirrifletti bidla konkreta li ilha tinħema tul dawn l-aħħar snin. Ta' min wieħed isemmi li fil-preżent il-Librerija għandna aktar minn 15-il miljun riżorsa bħal artikli ta' riċerka, rapporti u kotba elettroniċi li jistgħu jiġu aċċessati mill-kompjuter tal-uffiċċju tal-utent. Dan in-numru jidher enormi u se jkompli jiżdied u hawn tidħol il-problema ta' kif wieħed se jsib dak li jrid mingħajr ħafna telf ta' żmien. U hawn jidħol fix-xena l-Find-eR.

Il-Find-eR huwa servizz 'web-based' u huwa l-uniku għodda li għandek bżonn biex tfittex ktieb jew riżorsa elettronika fil-Librerija tal-Kummissjoni. Ir-riżultati jintwerew bl-istess mod bħal meta wieħed ifittex bil-Google u jkun hemm ukoll il-link għall-kontenut onlajn. Il-Find-eR jinkorpora l-katalgu tal-librerija tal-Kummissjoni (dak li kien l-ECLAS) u wieħed

[1] Servizz tal-Google Inc. li jfittex it-testi sħaħ tal-kotba u r-rivisti li l-Google ikun skennja, ikkonverta f'test permezz ta' għodda msejħa 'optical character recognition' u ħażen f'bażi tad-dejta. Il-kotba jiġu minn pubblikaturi u awturi, permezz tal-Google Books Partner Program, jew mil-libreriji li huma sħab tal-Google, permezz tal-Library Project. Barra minn hekk, il-Google issieħeb ma' għadd ta' pubblikaturi ta' rivisti biex l-arkivji tagħhom jagħmilhom diġitali. Sors: https://en.wikipedia.org/wiki/Google_Books

[2] http://www.businessinsider.com/about-time-ebooks-outselling-printed-books-2011-5?IR=T




jista' jfittex fih biss. Wieħed jista' wkoll ifittex fir-riżorsi elettroniċi biss, li jinkludu miljuni ta' artikli minn ġurnali, e-books, reċensjonijiet, eċċ. meħuda minn aktar minn 70 pubblikatur primarju u sekondarju u minn repożitorji ta' aċċess miftuħ. Jew ifittex fihom it-tnejn f'salt.

Il-Find-eR tista' ssibu mill-paġna tal-IntraComm taħt Work Resources, u jaħdem bħall-Google: jantiċipa dak li tkun qed tfittex bil-'predictive search'. Tista' wkoll tuża l-parametri kollha tal-Google bħall-inverted commas (",") il-punt tal-mistoqsija (?) jew l-asterisk (*) u l-bqija. Min hu familjari mas-search engines l-aktar popolari se jsibha faċli juża l-Find-eR għaliex jinkludi l-għajnuniet li llum saru standard biex wieħed idejjaq kemm jista' jkun l-ispazju li qed ifittex fih biex isib dak li jrid malajr. Wieħed jista' jelenka r-riżultati permezz tar-relevanza, tad-data, tal-popolarità, eċċ. Fih ukoll l-hekk imsejħa *facets* li jintużaw biex wieħed ikun jista' jfittex il-materjal skont it-tip ta' riżorsa (jekk hux artiklu, reċenzjoni, ktieb, eċċ.), skont it-topik, skont l-awtur, skont l-isem tal-kollezzjoni u fuq kollox skont il-lingwa.

Jekk xorta ma ssibx dak li qed tfittex, il-Find-eR jieħdok f'siti oħra li għalkemm il-librerija ma tkunx qed tħallas għalihom, xorta

**"Il-vantaġġ kruċjali tal-Find-eR fuq search engines oħra hu li m'għandekx għalfejn tħabbel rasek jekk sors hux affidabbli jew le, għax dak ix-xogħol tkun għamlitu diġà l-librerija."**

jkunu magħżula minnha u jkunu affidabbli. Hawnhekk tkun tista' tara jekk dak li tagħżel hux disponibbli jew le u jekk tistax tara t-test sħiħ jew sinossi. Jekk ir-riżorsa li jkollok bżonn tkun f'xi librerija oħra, f'xi każijiet il-librerija tal-Kummissjoni stess tista' tissellifha biex tużaha int, permezz tas-servizz *Interlibrary loan*.

Meta ssib ktieb li jkun fil-librerija, tista' tissellfu mil-lista stess u jasallek fl-uffiċċju fi żmien jumejn. Tista' tissellef ktieb għal sitt ġimgħat (ħlief għall-kotba l-aktar popolari) u tista' wkoll tissellfu mill-ġdid sakemm ma jkunx hemm ħaddieħor jistenna warajk biex jissellef l-istess ktieb.

L-aħħar ħaġa ta' interess fil-Find-eR huwa l-ispazju personalizzat li jissejjaħ e-Shelf. F'dan l-ispazju l-utent jista' jitfa' r-riżorsi li jkun sab u għalhekk jibqgħu disponibbli meta jerġa' jilloggja d-drabi ta' wara. Dan l-ispazju personalizzat jista' jiġi organizzat b'ħafna modi, stampat, jew mibgħut bl-email.

Il-Find-eR jistgħu jużawh it-tradutturi u dawk li għandhom aċċess għal-librerija tal-Kummissjoni. Qed naqsmu din l-informazzjoni mal-qarrejja kollha ta' *l-aċċent* għal skop ta' informazzjoni biex jekk xi ħadd ikollu suġġeriment ta' xi riżorsa elettronika jew pubblikazzjoni li tista' tkun utli għat-traduzzjoni, jista' jiktbilna f'dan l-indirizz: l-accent@ec.europa.eu.

*Alan Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u l-Korrispondent tal-Librerija tad-Dipartiment tal-Malti*

# It-Tradizzjoni tat-Traduzzjoni

Claudia Gauci

Kif jgħid Salman Rushdie f'waħda mill-esejs tiegħu, 'Imaginary Homelands', il-kelma traduzzjoni ġejja mil-Latin u tfisser 'taqsam għan-naħa l-oħra'. Kif jaħsbu ħafna, mat-triq xi ħaġa se tintilef żgur waqt it-traduzzjoni. Jiena nħobb nisħaq li xi ħaġa tintrebaħ ukoll.

Li ntrebħet żgur kienet l-udjenza li attendiet għall-konferenza dwar it-Tradizzjoni tat-Traduzzjoni nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 2015 fil-Mużew Marittimu, ix-Xatt tal-Birgu. Is-sala malajr tħeġġet b'entużjażmu sabiħ quddiem il-varjetà ta' taħditiet mogħtija minn kelliema li ġew minn oqsma differenti u li taw is-sehem tagħhom abbażi tal-esperjenza u l-viżjoni tagħhom f'dan is-suġġett.

Waħda mill-kelliema kienet il-Prof. Clare Vassallo li bl-intervent tagħha ppruvat twieġeb il-mistoqsija 'Għaliex nittraduċu u għal min?'. Fl-isfond tal-istudji tagħha dwar Umberto Eco, tkellmet dwar il-famuż motto maħluq mill-istudjuż Taljan "It-traduzzjoni hija l-lingwa tal-Ewropa" u għaddiet għal diskussjoni dwar l-isfidi tat-traduzzjoni ta' *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Alex Vella Gera. Dan il-ktieb fil-fatt huwa uniku kif ukoll problematiku għat-traduzzjoni minħabba li miktub bil-Malti u bl-Ingliż, u b'lingwa bejniethom (Maltingliż, Manglish?) li kieku tippreżenta sitwazzjonijiet partikolari ħafna għat-traduzzjoni. Victor Cauchi tħaddet dwar l-esperjenza tiegħu fil-qasam tat-



Ritratt: Virginia Monteforte

traduzzjoni legali, fosthom l-ewwel 'intoppi' fil-qlib tal-*acquis* meta l-professjoni kienet għadha qed titwieled. Segwa intervent interessanti għall-aħħar tar-Rev. Paul Sciberras dwar it-traduzzjoni ta' testi reliġjużi.

Wara l-interventi mill-udjenza, kien imiss lil Dr Helga Zahra u lil Jeantide Naudi li qasmu l-esperjenza tagħhom fid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni fil-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Ingħatat ħarsa lejn ix-xogħol u l-missjoni tad-Dipartiment tal-Malti, u Jeantide Naudi bbilanċjat is-serata billi tat preżentazzjoni prattika u utli wkoll għat-tradutturi kollha preżenti fejn spjegat kif jintużaw id-diversi għodod tat-traduzzjoni. L-aħħar intervent kien ta' Dr Albert Gatt li tkellem fuq l-esperjenza tiegħu bħala traduttur ta' diversi testi letterarji Maltin li huwa qaleb għall-Ingliż, fosthom *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo.

F'din l-okkażjoni, Ranier Fsadni kiteb kurżità ħelwa fuq Facebook rigward Erin Serracino-Inglott. Beda billi fakkar illi nhar is-16 ta' Ottubru jaħbat ukoll jum twelid Erin Serracino-Inglott (1904-83), traduttur Malti ewlieni, speċjalment tax-xogħlijiet ta' Dante. Bħala tħejjija għal dak ix-xogħol u għall-gost ukoll, kien ittraduċa l-ġrajjiet pulizjeski ta' Gaston Leroux. Il-Miklem faqqas minn vokabularju li kien beda jikteb għalih innifsu sabiex ikun jista' jaqleb id-Divina Commedia (kif ukoll biex ikun jista' jikteb xi wħud mid-drammi tiegħu). Każ ieħor fejn l-imħabba għall-Malti mxiet id f'id mal-imħabba għal ilsna oħra.

Il-konferenza kienet immexxija minn Mark Vella, traduttur u awtur. L-avveniment ittella' fuq Facebook ukoll u, tul il-konferenza kollha, kien hemm ukoll Kit Azzopardi u Leanne Ellul li kienu qed iwasslu aħbarijiet dwar il-konferenza f'ħin reali fuq Twitter u fuq Facebook.

Dan l-avveniment ġie organizzat minn Inizjamed, organizzazzjoni kulturali volontarja li twaqqfet fl-1998 u li tmexxi l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, u mid-Dipartiment tal-Malti fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

*Claudia Gauci hija membru ta' Inizjamed*




Umberto Eco: 5 ta' Jannar 1932 – 19 ta' Frar 2016

# "It-traduzzjoni hija l-lingwa tal-Ewropa" – Umberto Eco

Clare Vassallo

Bħala filosfu, ġurnalist, rumanzier, akkademiku u traduttur, Eco jibqa' magħna bil-firxa vasta ta' kitbietu. Iżda, mis-suċċessi kollha tiegħu, l-aktar importanti tibqa' s-semjotika, it-teorija li tiddeskrivi l-mod kif ninterpretaw id-dinja u dak kollu li hemm fiha. Barra minn hekk, din hi t-teorija li tiddeskrivi l-mod kif nagħmlu sens mill-affarijiet, kif nibnu fuq l-esperjenza, kif nikkomunikaw it-tifsira u nimmanipulawha, kif nigdbu, jew sempliċiment kif nirrakkontaw il-ħrejjef – li hu forma oħra ta' gidba – iżda li fiha l-kittieb idaħħalna fil-fabbrikazzjoni tiegħu biex b'hekk nitwaħħdu mad-dinjiet possibbli, alternattivi, tal-finzjoni, maħluqa fil-lingwa. Dawn l-istess dinjiet jirkbu fuq l-esperjenza tagħna u jkabbru l-fantasija tagħna u nitilfu lilna nfusna bħala qarrejja fi vjaġġi u ħajjiet li jeħduna lil hinn mill-fruntieri ta' ħajjitna stess.

Eco kien iħobb jgħid li dawk li jaqraw, jgħixu ħafna aktar ħajjiet fl-istess żmien allokat lilna f'din id-dinja. Dan il-filosfu ċertament ipprattika dak li kien jgħid lill-istudenti tiegħu għax, minbarra li kien jaqra bla heda, kien ukoll kittieb prolifiku.

Kelli l-privileġġ inkun waħda mill-istudenti tal-Professur Eco għad-dottorat fl-ewwel nofs tas-snin disgħin wara li kont ingħatajt borża ta' studju mill-Istitut Kulturali Taljan bħala l-ewwel studenta Maltija postgraduate li għamlet Dottorato di Ricerca fl-Italja.



Il-Prof. Vassallo ma' Umberto Eco fil-British Library f'Londra, f'Novembru 2015 għat-tnedija tat-traduzzjoni bl-Ingliż tal-ktieb tiegħu *Numero Zero*.

Kont insistejt li mmur l-Università ta' Bologna biex nistudja mal-bniedem li ġabar flimkien diversi oqsma ta' studju filosofiċi. Kont għadni kif qrajt *Semiotics and the Philosophy of Language* (1984), ktieb minn tiegħu li wrieni kif kien irnexxielu jġib flimkien il-filosofija tal-ħsieb u tal-lingwa, it-teorija lingwistika, u t-teoriji dwar ir-rispons tal-qarrej b'enfasi fuq il-kooperazzjoni tal-qarrej mat-test. Eco ried jara kif, bħala qarrejja, 'nirrispondu' għad-dinja u kif ninterpretawha, nifhmuha u nagħmlu sens mill-esperjenza.

Dak iż-żmien, għalija ma kienx evidenti mill-ewwel li meta nkunu qed nagħmlu sens mill-affarijiet u nispjegawhom, inkunu qed "ngħidu xi ħaġa iżjed" jew, tal-anqas, "ngħiduha fi kliem ieħor". Għaldaqstant aħna dejjem involuti fl-att tat-traduzzjoni, fl-att biex nagħmlu sens mill-esperjenza, hekk kif ngħaddu minn sistema ta' tifsira għal oħra. Hawn jidwi l-kliem ta' Charles Sanders Pierce, filosfu Prammatista Amerikan tas-seklu 19, u ispirazzjoni ewlenija tat-teorija semjotika ta' Eco.

Eco ppubblika x-xogħlijiet ewlenin tiegħu dwar it-traduzzjoni bejn l-2001 u l-2003. *Dire quasi la stessa cosa*, *Experiences in Translation*, u *Mouse or Rat: Translation as Negotiation* saru kotba ewlenin preskritti fil-korsijiet dwar l-istudji tat-traduzzjoni. Dawn il-kotba jipproponu l-idea li t-traduzzjoni għandu jkollha l-għan li fil-moħħ tal-qarrej tat-traduzzjoni (il-qarrej fil-mira), tnissel l-istess effett li tħalla fuq il-qarrej tat-test oriġinali.

Eco kien jargumenta li hemm aktar ċans li jintlaħaq dan l-effett meta wieħed jitbiegħed mil-livell superfiċjali tat-tifsira u minflok jogħdos fil-qalba tal-intenzjoni tat-test (u qatt f'dik tal-awtur) biex jiġi riprodott l-istess effett.

Eco kiteb bħala raġel tal-esperjenza. Awtur imma wkoll traduttur, li r-rumanzi tiegħu ġew tradotti waqt li kien qed jaħdem mill-qrib mat-tradutturi tiegħu. Bħala espert tas-semjotika dejjem tkellem dwar it-traduzzjoni bħala mod ta' interpretazzjoni, ta' fehim u ta' għerf.

Insellmu lil dan il-fundatur veru tal-ispirtu kulturali tal-Ewropa li għex fost il-ħerba tat-Tieni Gwerra Dinjija hekk kif l-Ewropej issieltu kontra Ewropej oħrajn. Illum l-UE tipproteġina mill-atroċitajiet tal-passat – u Eco kien b'ruħu u b'ġismu favur il-ħolma Ewropea ta' sliem u prosperità għal kulħadd.

*Il-Prof. Vassallo tgħallem it-teorija tat-traduzzjoni fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, l-Università ta' Malta.*

# Paul Zahra: Rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Ivan Said

Paul Zahra, traduttur mal-Kummissjoni Ewropea, huwa r-rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 fil-Kategorija tat-Traduzzjoni bil-qlib mill-Franċiż għall-Malti tar-rumanz *Salammbô* ta' Gustave Flaubert.[1] Zahra jiddedika ħafna mill-ħin liberu tiegħu jaqleb xogħlijiet letterarji għall-Malti u jippromwovi t-traduzzjoni letterarja bil-Malti.

Huma ħafna t-tradutturi Maltin li jaħdmu għall-istituzzjonijiet Ewropej li bħala x-xogħol prinċipali tagħhom jaqilbu dokumenti uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-aktar mill-Ingliż għall-Malti kif ukoll minn xi lingwi uffiċjali oħra. Madankollu qajla nisimgħu b'xi ħadd minnhom li qaleb u ppubblika xi xogħol letterarju. Fl-aħħar ħarġa ta' *l-aċċent* qrajna dwar Simon Bartolo, l-awtur ta' xogħlijiet letterarji għaż-żgħażagħ u kollega ta' Zahra fil-Web Unit tal-Kummissjoni fi Brussell, li qaleb mit-Taljan *Kważi Kważi lil Tamara Nżommuha* ta' Georgia Manzi iżda li bla tlaqliq iddikkjarali f'intervista li: "Għalkemm ħadt gost ħafna naħdem fuq il-ktieb ta' Manzi, għalissa għandi wisq x'nagħmel bħala xogħol oriġinali biex naqleb rumanz ieħor" (Awwissu 2015: 36). Fi kliem ieħor Bartolo jixtieq ikompli jiddedika l-ħin liberu tiegħu lill-kitba kreattiva iżda mhux lit-traduzzjoni letterarja.

[1] Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet saret f'Diċembru 2015 fil-Belt Valletta. It-traduzzjoni ta' Zahra kienet waħda mill-erba' finalisti fil-Kategorija tat-Traduzzjoni. Il-listi tar-rebbieħa u l-finalisti ssibhom fuq il-websajt tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. (http://ktieb.org.mt/?lang=mt)




Paul Zahra jirċievi l-Premju mingħand il-Prim Ministru Joseph Muscat.

**It-traduzzjoni letterarja għal Zahra**

Zahra jagħti importanza kbira lit-traduzzjoni letterarja, speċjalment lit-traduzzjoni għall-Malti. Hu jsostni li "jekk il-Malti, kemm dak miktub kif ukoll mitkellem, irid tassew jissaħħaħ, jeħtieġlu ta' bilfors li jinkorpora fih – bħalma għamlu u għadhom jagħmlu lingwi aktar mifruxin minnu – ix-xogħlijiet letterarji tal-awturi l-kbar miktubin b'ilsna barranin. Il-ġeneru tal-letteratura tradotta ma jagħmilx għajr isaħħaħ il-kittieb Malti u l-letteratura Maltija" (2013: v).

Skontu t-traduzzjoni letterarja hi importanti ferm għax "it-traduzzjoni, billi tneħħi l-ostakli lingwistiċi, isservi ta' muftieħ li jiftaħ ix-xatba biex jiddakkar il-ġnien letterarju dinji" (2012: ix) peress li "l-letteratura bħall-arti ma taqax taħt il-limitazzjonijiet tad-distanzi u taż-żminijiet" (2013: *Il-Pont*).










Għalkemm l-interess ta' Zahra prinċipalment jinsab fit-traduzzjoni letterarja għall-Malti, xorta waħda jsegwi mill-qrib dik mill-Malti għal lingwi oħra għax hu jemmen li "jekk irridu nuru li neżistu fl-oqsma tal-letteratura u tat-traduzzjoni letterarja fil-livell internazzjonali jeħtieġ li tiżdied it-traduzzjoni mill-Malti lejn lingwi oħrajn.[2] L-idea li dan hu possibbli tgħin biex il-kittieb lokali jtejjeb il-prodott tiegħu" (ara *l-aċċent* p. 39, Awwissu 2015).

Iżda kif bdiet din in-namra ta' Zahra għat-traduzzjoni? F'intervista ppubblikata f'Jannar tal-2015, jgħid li t-traduzzjoni "minn dejjem kellha importanza kbira fl-istudji lingwistiċi tiegħi billi fiż-żmien li kont nattendi l-iskejjel sekondarji l-metodi tat-tagħlim tal-lingwi kollha, saħansitra l-Malti, kienet inkluża fihom it-traduzzjoni. Għalija t-traduzzjoni kienet strumentali biex tgħallimt il-Franċiż u aktar tard meta jien stess bdejt ngħallmu użajtha bħala għodda pedagoġika b'tali mod li l-istudenti setgħu mhux biss iħaddmu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom iżda jiftħu wkoll orizzonti letterarji u kulturali ġodda sabiex jaslu biex jifhmu li ebda traduzzjoni ma ssir f'vakwu, li jeżisti kuntest u li l-kuntest jeħtieġlu jiġi maħkum biex it-traduzzjoni titwassal b'mod validu" (2015: *Il-Pont*).

**Il-qlib u l-kitbiet ta' Zahra**

Barra *Salammbô*, Zahra qaleb tliet xogħlijiet letterarji oħra għall-Malti mill-Franċiż: *Meaulnes it-Twil* ta' Alain-Fournier, li fl-2013 ġie nnominat għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-Kategorija tat-Traduzzjoni, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Il-Kappillan ta' Tours*, it-tnejn ta' Honoré de Balzac. Barra minn hekk, din is-sena (2016) beħsiebu

[2] Barra li r-rebbieħa kollha f'kull kategorija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 ingħataw trofew, ċertifikat u premju ta' €1000 kull wieħed, ir-rebbieħ tal-Kategorija Xogħol Letterarju: Rumanzi, jiġifieri s-Sur Immanuel Mifsud, ingħata premju addizzjonali ta' €5000 mill-Fond għall-Esportazzjoni tal-Kultura tal-Kunsill Malti għall-Arti biex il-ktieb rebbieħ *Jutta Heim* jiġi tradott f'lingwa barranija. (http://ktieb.org.mt/?lang=mt)

jippubblika *Għat-Tfittxija taż-Żmien Mitluf: Mix-Xaqliba ta' Dar Swann – L-Ewwel Parti: Combray* ta' Marcel Proust. Zahra għadu kif beda jittraduċi *L-Iżball ta' Dun Mouret* ta' Émile Zola.

Fid-daħla għal *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* Zahra jikteb li "sa fejn naf jien dan hu l-ewwel xogħol ta' Balzac li qed jiġi tradott għall-Malti" (2013: v) – u wisq probabbli dan il-primat jgħodd għat-tliet xogħlijiet letterarji l-oħra li qaleb u ppubblika. B'hekk hu kompla t-tradizzjoni ta' qlib ta' xogħlijiet letterarji mill-Franċiż għall-Malti li ilha li bdiet: saħansitra fl-1920 naraw il-qlib ta' *Il Conti ta' Monte Cristo* ta' Alexandre Dumas maqlub għall-Malti minn Paolo Caruana u l-qlib ta' *Flora: Grajja ta Malta* ta' A. De Kermainguy maqlub għall-Malti minn G. Vassallo[3] (Azzopardi, 1997: 40) biex ma nsemmux il-qlib mill-Franċiż għall-Malti tal-*Istorja tas-Sultan Ċiru* minn Mikiel Anton Vassalli, maħruġ sentejn wara mewtu fl-1831 (ara p. 43 ta' *l-aċċent* nru 10, Marzu 2014).

Mat-traduzzjonijiet wieħed irid iżid l-għadd ta' artikli u papers li Zahra kiteb dwar it-teorija tat-traduzzjoni letterarja u dik nonletterarja. Saħansitra tnejn minn dawn il-papers ġew ippubblikati fl-2015: 'Traduzzjoni Letterarja jew Adattament Letterarju?' (fil-ktieb editjat minn Charles Briffa *Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija: It-Transfer Kreattiv fit-Traduzzjoni bil-Malti*) u 'Il-Forma Ortografika u t-Tifsira Semantika fl-Għażla tal-Lessiku Malti fl-Oqsma tat-Traduzzjoni u tat-Terminoloġija' li dehret fil-ħarġa nru 11 tal-ġurnal akkademiku tal-Università ta' Malta, *Symposia Melitensia*. Barra minn hekk, matul is-sena 2014, il-paper tiegħu 'On Finding Equivalence' dehret fil-ktieb *Translation Studies from Malta*, editjat ukoll minn Charles Briffa u li ġie nnominat għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 fil-Kategorija Riċerka Ġenerali.

***Salammbô* – Ix-xogħol rebbieħ ta' Zahra**

*Salammbô* huwa l-aktar xogħol letterarju impenjattiv mill-erbgħa li Zahra qaleb u ppubblika s'issa. Iżda hu l-wieħed li rebbħu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015 fit-Taqsima




[3] Ir-rumanz ta' Dumas *Le Comte de Monte-Cristo* ġie ppubblikat għall-ewwel darba bejn l-1844 u l-1846 f'serje ta' 18-il parti li dehret fil-*Journal des Débats* filwaqt dak ta' Kermainguy, *Fleur-D'épée, ou, Malte sous les Chevaliers* ġie ppubblikat fl-1843. (Wikipedia)

tat-Traduzzjoni. Kull min hu qrib ta' Zahra jaf x'interess qawwi għandu fid-dinja Klassika Antika, kemm dik Rumana kif ukoll dik Griega. Għaldaqstant wieħed jista' jissoponi b'liema fervur u għarfien storiku u lingwistiku Zahra daħal għal din it-traduzzjoni tal-istorja ta' Salammbô li sseħħ f'Kartaġni wara l-Ewwel Gwerra Punika (264-241 QK).

Fid-daħla li kiteb Zahra għal din it-traduzzjoni naqraw li Flaubert ħtieġlu jistħarreġ fil-fond ħafna sorsi klassiċi u saħansitra bbaża dan ir-rumanz storiku fuq ix-xogħol tal-istoriku Grieg Polibju. Ir-rumanzier juri li kien familjari mal-Orjent kif ukoll mal-Bibbja. Fil-fatt Zahra jgħid li t-tliet elementi li jispikkaw huma l-Orjent u dak kollu li jirrappreżenta, l-element epiku u l-element Bibliku. Abbażi ta' dawn l-elementi, Zahra silet lessiku, barra mid-dizzjunarju ta' Aquilina u bosta dizzjunarji oħra, mit-traduzzjoni għall-Malti tal-Bibbja ta' Pietru Pawl Saydon[4] u mit-traduzzjoni tal-klassiċi ta' Victor Xuereb[5]: "Kemm Saydon kif ukoll Xuereb kienu għalija strumentali bl-istess mod li kien [id-dizzjunarju ta'] Aquilina" (2014: xxiii). Iżda barra minn dan Zahra kellu joħloq neoloġiżmi bbażati fuq it-tiftix fuq l-internet u li bniehom fuq mudelli ta' kliem bil-Malti. Fl-aħħar tal-ktieb naraw inkluż appendiċi tal-ismijiet tal-persunaġġi u tat-toponomija fit-traduzzjoni ta' *Salammbô*.

Il-bloggista u l-kritiku letterarju Patrick Sammut jiddeskrivi fi ftit kliem u b'mod preċiż dak li rnexxielu jagħmel Zahra bit-traduzzjoni ta' *Salammbô*:

> Din ta' Paul Zahra li jaqleb kollox mill-Franċiż għall-Malti ma kinitx ħaġa faċli, imma t-traduttur jirnexxilu jagħmel dan kollu permezz tal-ilsien Malti, ilsien tassew dinamiku u ħaj. Lingwistikament Zahra kellu sfida mill-ikbar: fil-qlib ta' dan ix-xogħol mill-Franċiż għall-Malti ħaddem għalqa llimitata ta' reġistri lessikali u kien konxju sewwa tal-firxa semantika (marbuta mal-għalqa tat-tifsir) tal-kelma li uża biex kemm jista' jkun iwassal lill-qarrej Malti d-drammatiċità, il-*patos* u elementi b'saħħithom oħrajn li ħaddem Flaubert stess. F'rabta ma' dan, mhux l-ewwel darba li Zahra jikteb f'noti f'tarf il-paġna li spiss kellu joħloq neoloġiżmi ladarba l-kliem fl-oriġinal ma sablu l-ebda ekwivalenti fid-dizzjunarji Maltin. (Settembru 2015: *Tieqa fuq il-ktieb Malti*)

**Sfidi lessikografiċi komuni**

Huma interessanti d-daħliet li kiteb Zahra għat-traduzzjonijiet tiegħu. Barra t-tagħrif dwar l-awtur u l-importanza tax-xogħol letterarju, jitkellem dwar il-kuntest li fih it-test letterarju jkun inkiteb. F'kull daħla nsibu wkoll sottotaqsima li tirrigwarda l-'problemi tat-traduzzjoni' jew il-'proċess tat-traduzzjoni' marbut mat-test tradott. Hawn Zahra jittratta fil-fond ċerti sfidi lessikografiċi u grammatikali li jistgħu jkunu ta' interess għal kull traduttur ta' kwalunkwe test, mhux biss ta' testi letterarji.

Jien inħoss li dawn id-daħliet huma ferm importanti peress li juruna l-isfidi li ltaqa' magħhom Zahra u l-istħarriġ li għamel qabel

[4] Il-Professur Saydon qaleb għall-Malti l-Bibbja kollha mill-ilsna oriġinali. Għal aktar tagħrif dwar dan ara *l-aċċent* Nru 6 tas-Sajf 2011 pp. 11-12 u l-ktieb *Saydon – Biblista u studjuż tal-Malti* ta' Carmel Bezzina.

[5] Il-Ġiżwita Victor Xuereb, rebbieħ tal-Premju Letterarju għat-traduzzjonijiet, qaleb mil-Latin għall-Malti *L-Enejde* ta' Virġilju u qaleb mill-Grieg għall-Malti *L-Odissea* u *L-Illijade* ta' Omeru u *Ir-Repubblika* ta' Platun.

ma daħal għat-traduzzjoni peress li "It-traduttur għandu fost ħwejjeġ oħrajn responsabbiltà enormi għax fit-traduzzjoni jrid jirreplika ... l-istil u t-teknika li jinsabu fix-xogħol oriġinali. Effettivament, it-traduttur irid jidħol fin-nisġa artistika tax-xogħol letterarju biex b'hekk ir-riżultat aħħari tat-traduzzjoni joqrob kemm jista' jkun lejn l-ekwivalenza letterarja tax-xogħol tal-awtur innifsu" (Zahra, 2013: xi).

Fost il-kwistjonijiet trattati nsibu: Meta t-tradutturi jiġu biex jaqilbu t-titlu tax-xogħol letterarju għandhom ifittxu l-'ekwivalenza formali' jew jagħżlu titlu li bih "jenfasizzaw karatteristika jew aspett partikulari mir-rumanz" (Zahra, 2012: xv)? Hawn, skont Zahra, "it-traduttur – bħalma l-poeta għandu l-liċenzja poetika – għandu wkoll il-libertà li jagħżel il-mod kif iwassal l-interpretazzjoni [tat-titlu]... Ovvjament, ebda traduttur ma jasal biex jittraduċi bl-addoċċ titlu ta' rumanz" (2012: xvi).

Kwistjoni oħra: L-ismijiet tal-persunaġġi u l-ismijiet ġeografiċi għandhom jinqalbu jew għandhom jibqgħu fil-lingwa oriġinali? Meta wieħed jaqra dawn id-daħliet kollha (u t-testi maqlubin) jara li Zahra progressivament żamm l-ekwivalenza letterarja bħala l-ankra tat-traduzzjoni tiegħu iżda matul il-pubblikazzjoni ta' dawn l-erba' biċċiet letterarji naraw bidla, jew aħjar xift, fil-mod kif Zahra jilħaq din l-ekwivalenza letterarja. Fil-fatt fid-daħla għal *Il-Kappillan ta' Tours,* l-aħħar wieħed li ppubblika, Zahra jistqarr:

> Fl-imgħoddi kont tal-fehma li xogħol letterarju jeħtieġlu li jiġi domestikat għall-esiġenzi tal-lingwa mira biex b'hekk il-qarrej lokali jkun jista' "jifhmu" aħjar. Ħaddimt din l-istrateġija fit-traduzzjoni tar-rumanz *Meaulnes it-Twil* u bqajt influwenzat minnha fit-tieni xogħol tiegħi, jiġifieri f'*Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*. Imbagħad, fir-rumanz *Salammbô*, inftamt għalkollox mid-domestikazzjoni/ lokalizzazzjoni. Ir-riflessjoni dwar ix-xogħlijiet tradotti minni wasslitni biex nifhem li l-ekwivalenza letterarja tista' tintlaħaq bl-aktar mod effettiv billi x-xogħol tradott jibqa' ankrat fil-kuntest li joriġina fih. Għalhekk, f'*Il-Kappillan ta' Tours*, warrabt għalkollox l-użu ta' *Madama, Mażmażella* u *Sur* u ħallejt quddiem l-ismijiet tal-persunaġġi l-kliem miktub bil-korsiv *Madame*, *Mademoiselle*, u *Monsieur*. Evitajt li nittraduċi l-ismijiet tal-postijiet u tal-persunaġġi bħalma għamilt f'ċerti każijiet f'*Meaulnes it-Twil*, anki fejn dan kien possibbli li jsir. Ħallejt bil-Franċiż kliem bħal *sous* u *livres* li jindikaw il-flus Franċiżi użati f'dak iż-żmien.
>
> Kull bdil li jiddomestika t-traduzzjoni sirt inqisu bħala adattament – xi ħaġa li ftit jew wisq tkun qed tbiegħed li tintlaħaq l-ekwivalenza mixtieqa fil-kamp letterarju. It-traduttur ma għandux dritt jiddomestika t-test. It-test mhux tiegħu, iżda tal-awtur. L-awtur għandu jiġi replikat u mhux adattat. (2015: pp. x-xi)

Fuq kollox, fid-daħliet tiegħu Zahra jurina kemm għandu għal qalbu – u kemm għadu attwali u validu – id-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina u jistqarr li "Aquilina tassew jixraqlu jingħata kull mertu għall-kontribuzzjoni tiegħu fl-oqsma tal-lessikografija u tat-traduzzjoni" (Zahra, 2014: xxii).

**Dwar Paul Zahra**

Zahra, imwieled il-Marsa fl-1960, studja l-Franċiż u l-letteratura Franċiża fl-Università ta' Malta u fl-Università ta' Poitiers fi Franza. Għal aktar minn 17-il sena għallem il-Franċiż f'diversi skejjel tal-Gvern. Mad-dħul ta' Malta fl-UE fl-2004, Zahra ngħaqad bħala traduttur mal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Miżżewweġ lil Tanya li, skont x'jikteb Zahra stess fil-fontispizju ta' *Salammbô*, tappoġġah dejjem f'dan ix-xogħol ta' traduzzjoni tant li ddedikalha *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*. Għandhom tliet subien, Samuel, Jacob u Isaac.

Xi ftit snin ilu Zahra fetaħ paġna tal-Facebook intitolata 'Traduzzjonijiet Letterarji bil-Malti' bl-għan li l-grupp ta' din il-paġna "jesponi u jaġġorna lill-pubbliku dwar pubblikazzjonijiet ta' traduzzjonijiet letterarji" u li "x-xogħlijiet tradotti bil-Malti jingħataw il-viżibilità meħtieġa". *Meaulnes it-Twil* biss inħareġ minn dar tal-pubblikazzjonijiet privata, il-FARAXA. It-tliet traduzzjonijiet letterarji l-oħra ppubblikahom minn butu.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nifraħ lil Paul tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li rebaħ.

**Biblijografija**


Azzopardi, Ludvic. "Biblijografija magħżula ta' traduzzjonijiet (1752-1994)." Teżi tal-BA (Unuri) Malti, L-Università ta' Malta, 1997.

Said, Ivan. "Kważi, kważi, anzi ċert Simon Bartolo traduttur." *l-aċċent*, Nru 13, Awwissu 2015, 33-36.

Said, Ivan. "Mikiel Anton Vassalli, traduttur." *l-aċċent*, Nru 11, Marzu 2014, 41-44.

Sammut, Patrick. "L-Intervista." *Il-Pont*, Jannar 2015, 5-6. Aċċessat Mejju 31, 2016. http://issuu.com/patrickj.sammut/docs/il-pont_jannar_2015.

Sammut, Patrick. "*Salammbô* ta' Gustave Flaubert, maqlub għall-Malti minn Paul Zahra." *Tieqa fuq il-ktieb Malti* (blog). Aċċessat Settembru 21, 2015. http://pagnawarapagna.blogspot.be/2015/05/salammbo-ta-gustav-flaubert-maqlub-gall.html.

Zahra, Paul. "It-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti lejn il-lingwi oħrajn: Ħarsa ħafifa ta' apprezzament." *l-aċċent*, Nru 13, Awwissu 2015, 37-40.

Zahra, Paul, trad. *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*. Paola: Self-published, 2013.

Zahra, Paul, trad. *Il-Kappillan ta' Tours*, Paola: Self-published, 2015.

Zahra, Paul, trad. *Meaulnes it-Twil*, Qrendi: FARAXA, 2012.

Zahra, Paul, trad. *Salammbô*. Paola: Self-published, 2014.

Zahra, Paul. "Il-Forma Ortografika u t-Tifsira Semantika fl-Għażla tal-Lessiku Malti fl-Oqsma tat-Traduzzjoni u tat-Terminoloġija." *Symposia Melitensia* 11 (2015): 227-256.

Zahra, Paul. "Il-ħtieġa tat-traduzzjoni letterarja minn lingwi barranin." *Il-Pont*, Settembru 2013.

Zahra, Paul. "On Finding Equivalence: a) Encoding Balzac in Maltese Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu u b) A bright but bleak overview of life: Alain-Fournier." Fi *Translation Studies from Malta*, editjat minn Charles Briffa, 183-186. Malta: Malta University Publishing, 2014.

Zahra, Paul. "Traduzzjoni Letterarja jew Adattament Letterarju?" F'*Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija: It-Transfer Kreattiv fit-Traduzzjoni Bil-Malti*, editjat minn Charles Briffa, 369-399. Malta: Horizons, 2015.


*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Meta *"kulħadd qiegħed jiddiletta jiġbor l-istampi tad-Divina Commedia"*

## Storja fil-qosor tal-qlib tal-poema ta' Dante għall-Malti

Ivan Said

L-eżistenza tad-Divina Commedia – u sa ċertu punt il-kontenut tagħha – kienet magħrufa sew fost ħafna mis-safef tas-soċjetà Maltija. Tant hu hekk li, fil-bidu tas-seklu għoxrin, żewġ fabbriki tas-sigaretti kienu joħorġu stampi tad-Divina Commedia. Dan nafuh minn Gianni Sapiano-Lanzon, wieħed mit-tradutturi Maltin ta' din il-poema ta' Dante, li kien ħass li għandu joħroġ verżjoni ta' *L-Infern* fi proża biex id-dilettanti tal-istampi, wara li jaqraw il-verżjoni tiegħu tradotta fi proża għall-Malti, ikunu jistgħu jifhmu aħjar x'kienu qed jaraw f'idejhom.

"Filwaqt li kulħadd qiegħed jiddiletta jiġbor l-istampi tad-Divina Commedia li qegħdin joħorġu żewġ fabbriki tas-sigaretti," jikteb Sapiano-Lanzon fl-introduzzjoni tal-traduzzjoni tiegħu tal-1905, "jixraq wisq li min ma jafx jaqra ħlief bil-Malti biss, ikollu ktieb li jfiehmu x'inhuma dawk l-istampi, mhux iħares lejhom biss donnhom ħafna griefex u ma jifhem xejn." (1905:3).

Id-Divina Commedia, kollha kemm hi jew biċċiet minnha, inqalbet tmien darbiet għall-Malti bejn l-1864 u l-1991 (Azzopardi, 1997:27).

Ir-raġuni għal dan aktarx hi li "għal ħafna sekli Malta kellha letteratura bit-Taljan, frott tal-intellettwali 'Italjanament' edukati li segwew b'mod kostanti l-arkitettura stilistika u l-firxa tematika tal-awturi" tal-Italja u li "ta' spiss, it-Taljan ġie deskritt mil-letterati u mill-politiċi Maltin bħala 'il-lingwa ta' Dante'. U fil-fatt din hi l-frażi li tista' tintroduċi d-diskors fuq il-fortuna vasta




Waħda mill-istampi tad-Divina Commedia marbuta mal-Kant V, il-vers 75, maħruġa minn Colombos Cigarettes, waħda miż-żewġ fabbriki tas-sigaretti li jsemmi Sapiano-Lanzon u li fl-1905 kienu qed joħorġu dawn l-istampi mal-pakketti tas-sigaretti. Fil-fatt, daqqa t'għajn lejn l-ewwel paġna ta' waħda mill-gazzetti tal-1905, pereżempju *Il-Poplu Malti – Ġurnal politiku, reliġjuż u varju*, turina riklam minn C. Colombos ta' "Strada Riali Nu. 56 u Strada Teatro Nu. 40, il-Belt" li jippromwovi l-"marka" l-ġdida tas-sigaretti Pera. Jgħid li ma' kull pakkett ta' sitt sigaretti kien hemm fih "stampa sabiħa" u li "L-istampi li fihom approvati mill-awtorità tal-Knisja". Ta' Colombos kienu familja Griega li ġiet Malta mill-Eġittu. Dak iż-żmien kien hemm daqs nofs tużżana fabbriki tas-sigaretti fosthom Cousins, Narich u O & H Willis. Barra minn hekk, kien hemm ruxxmata fabbriki tas-sigaretti jaħdmu bil-moħbi. (Ħajr: Martin Morana)




Parti mill-manuskritt tad-*Divina Commedia* ta' John Attard li jinsab f'dar privata. (Ritratt: Alex Attard)

li l-poeta [Dante] kellu fil-gżira, kemm fuq il-livell edukattiv kif ukoll fil-prattika letterarja"[1] (Friggieri 1989: 59).

Il-kritiku letterarju Oliver Friggieri jispjega dak li hu jsejjaħ "il-kult Dantesk" billi jgħid li "meta wieħed jaqra l-kitbiet ta' bosta awturi Maltin, hemm wieħed jiltaqa' ta' spiss mal-affermazzjoni tagħhom li dawn kienu studjaw lil Dante u li assimilawh fl-istil u fil-kontenut"[2] (1989: 60).

Id-Divina Commedia nqalbet għall-Malti tliet darbiet b'mod sħiħ minn Alfredo Eduardo Borg, Erin Serracino-Inglott u Alfred Palma, iżda ta' Borg u ta' Palma biss kienu ppubblikati b'mod komplet, tal-ewwel fl-1905 u tal-aħħar fl-1991 (Azzopardi, 1997:27).

Fl-1864 naraw l-ewwel biċċa tradotta mid-Divina Commedia, dik ta' Richard Taylor (1818-1868): *Il-Conti Ugolino mid-Divina Commedia: Cant ta' l-Infern ta' Dante Alighieri migiub fil-lsien Malti*. Din it-traduzzjoni dehret fi ktejjeb ta' 17-il paġna, bit-terzini oriġinali fuq ix-xellug u t-traduzzjoni tagħhom bil-Malti fuq il-lemin. Fl-1899 Gianni Sapiano-Lanzon (1858-1918) ippubblika *Il-Kant 33 tal-Inferno: Il-Konti Ugolino* u fl-1905 ippubblika *Id-Divina Commedia ta' Dante Alighieri migjuba prosa fi lsienna minn Gianni Sapiano-Lanzon – L-infern*. Fl-istess sena, Alfredo Eduardo Borg ippubblika *La Divina Commedia ta' Dante Alighieri migiuba u imfissra bil-Malti*. "Jingħad li biċċa

[1] Silta miġjuba mit-Taljan. Fl-aħħar ta' din il-paper bit-Taljan, fil-paġna 69, Friggieri jagħti lista tat-traduzzjonijiet tad-Divina Commedia sal-1964 u lista tal-ktejbiet u l-artikli li nkitbu hawn Malta dwar Dante u x-xogħlijiet tiegħu.
[2] Silta miġjuba mit-Taljan.













mill-Ġenna ġiet tradotta minn Arturo Caruana" (Mifsud Bonnici, 1965: 22) u Borg iddedika dan ix-xogħol proprju lil dan Caruana. Fl-1907, Salvatore Frendo de Mannarino (1845-1918) ippubblika *L-Att tal-Fidi miktub fuq il-Kredu ta' Dante Alighieri* u fl-1913 Sapiano-Lanzon ħareġ *Il hames cant ta' L-Infern ta' Dante Alighieri maghmul poesija bil Malti*.

Fl-1906, Sapiano-Lanzon, li dejjem kellu "ħrara kbira għall-ilsien Malti" (1913: 3), kiteb u ppubblika ktejjeb ta' disa' paġni dwar il-ħajja ta' Dante. Flimkien mat-traduzzjonijiet tiegħu, dan jirrifletti l-ħerqa li kellu biex iqarreb lill-poplu lejn xogħol Dante u jedukah dwaru – skop didattiku li rajnieh meta kiteb "b'hekk meta [id-dilettant tal-istampi] iħares lejn l-istampi [tad-Divina Commedia] wara li jkun qara jkun jista' jifhem xi jfissru (*sic*)". Ftit snin wara dan itennih u jgħid: "Billi dan l-awtur [Dante] hu l-għaġba ta' kulħadd, xtaqt li dawk kollha li ma jafux ħlief bil-Malti biss, ikollhom ix-xorti jaqrawh ukoll" (1913: 3). Mhux ta' b'xejn li l-poeżija tiegħu ġiet deskritta bħala "ta' stil sempliċi, mexxej, idoqq ħafna għall-widna tal-popolin. Kritiċi tal-poeżija tiegħu qabbluha ma' dak ir-ritmu tat-tqabbil popolari tas-seklu XIX minn għannej popolari" (Mifsud Bonnici, 1965: 21).

Barra minn hekk, Robert Mifsud Bonnici, f'ġabra ta' studji intitolata *Dante Alighieri – La Divina Commedia*, ippubblikata fl-1965 biex tikkommemora s-seba' ċentinarju mit-twelid ta' Dante, jikteb li Ġużè Muscat Azzopardi qaleb terzina waħda mill-Kant XXV tal-*Ġenna* (1965: 5) u meta ġie biex iqabbel bċejjeċ tradotti, inkluda wkoll traduzzjoni "ta' traduttur anonimu *ad hoc*" (1965: 23).

Iżda barra dawn it-tradutturi li nafu li b'xi mod jew ieħor ħarġu t-traduzzjoni tagħhom fid-dieher għall-pubbliku, jidher li hemm oħrajn li, fis-skiet ta' darhom, ippruvaw jaqilbuha u ħallewha maqfula d-dar, bħal qisu qalbuha għall-gost jew bħala sfida. F'dar privata fit-tramuntana ta' Malta, rajt manuskritt ta' traduzzjoni oħra tad-Divina Commedia ta' ċertu John Attard (1907-1974), eks impjegat taċ-ċivil mill-Belt Valletta.[3]

Fl-aħħar tas-snin tmenin, il-Professur Friggieri kiteb li "t-traduzzjoni [tad-Divina Commedia] l-aktar importanti u l-aktar valida hi bla dubju ta' xejn dik ta' Erin Serracino-Inglott" għaliex

[3] Kien bis-saħħa tal-Professur Arnold Cassola li ltqajt mas-Sur Alex Attard li wrieni l-manuskritt tat-traduzzjoni li kien għamel missieru, is-Sur John Attard.







hija t-traduzzjoni li "jirnexxilha żżomm u tirrifletti l-karattru tal-poema partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-lessiku u s-sintassi."[4] (1989: 62). Mifsud Bonnici mbagħad jiddeskrivi t-traduzzjoni ta' Serracino-Inglott bħala "klassika mhux inqas minn dik tas-Sagra Bibbja... opra xierqa li toqgħod ma' ġenb dik tal-Bibbja bil-Malti fil-librerija ta' kull student" (1965: 20).

Serracino-Inglott (1904-1983) kien ippreżenta *L-Infern* quddiem il-*Convegno dei Traduttori dell'Opera di Dante* li sar f'Ruma fir-rebbiegħa tal-1965 iżda minkejja li jikkonferma li "x-xogħol tat-traduzzjoni taż-żewġ kantiċi l-oħra, jiġifieri Il-Purgatorju u Il-Ġenna, lest ukoll" (Chetcuti, 1998: 394-396), dawn iż-żewġ kantiċi qatt ma ġew ippubblikati.[5]

Filwaqt li Serracino-Inglott ma jiddejjaq xejn isejjaħ it-tradutturi ta' qablu tad-Divina Commedia "dilettanti" (1964: xiv-xv), Paul Buhagiar jgħid li "t-tbegħid mit-test oriġinali... hu konxju. Aktar minn dilettanti dawn it-tradutturi nistgħu narawhom bħala kittieba minuri li żiedu intenzjonalment test ta' ħaddieħor biex xerrdu twemminhom kemm jekk reliġjuż u kemm jekk soċjali jew lingwistiku. Ikun żbaljat min jiġġudika xogħol ta' traduzzjoni li sar mitt sena qabel bil-kriterji tiegħu ta' x'inhi 'traduzzjoni tajba'... Meta l-

[4] Silta miġjuba mit-Taljan.

[5] Għal aktar informazzjoni dwar din it-traduzzjoni ara pp. 44-45 tal-artiklu tiegħi 'Erin Serracino-Inglott, l-iskakkista traduttur' li deher fil-ħarġa nru 12 ta' *l-aċċent* (Novembru 2014).

| TQABBIL TAL-ISTESS SILTA MINN TRADUTTURI DIFFERENTI | | |
|---|---|---|
| ***L-awtur u t-tradutturi*** | ***Il-Kant XXXIII tal-Infern, il-versi 1-3*** | ***Mnejn hi meħuda s-silta*** |
| DANTE ALIGHIERI | *La bocca sollevò dal fiero pasto*<br>*quel peccator, forbendola a'capelli*<br>*del capo ch'elli avea di retro guasto.* | http://divinacommedia.weebly.com/inferno-canto-xxxiii.html |
| RICHARD TAYLOR | Dak ħalqu rafa' – mill-ikel kiefer<br>Il-ħati midneb – u fis fid-dieher,<br>B'dak xagħru mesħu – bla telf ta' żmien,<br>Li f'rasu mħassar – il-wara kien.* | Kif ittraduċieha fl-edizzjoni tiegħu tal-1864, p. 7. |
| ĠANNI SAPIANO-LANZON | Dak il-midneb rafa' ħalqu minn fuq il-qurriegħa li minnha bi ħruxija kbira kien jiekol u, kif kien mimli demm mesħu ma' dawk it-troffi tax-xagħar li kienu baqgħu fil-qurriegħa tar-ras li huwa kien gerrem minn wara.* | Kif ittraduċieha fi proża fl-edizzjoni tiegħu tal-1905, p. 179. |
| ALFREDO EDUARDO BORG | Il-ħalq irtafa' minn daka l-past magħmul għal bhejjem; daka l-midneb naddaf dika r-ras mix-xagħar li minn naħa ta' wara huwa ħassar.* | Kif ittraduċieha fl-edizzjoni tiegħu tal-1905, p. 309. |
| TRADUTTUR ANONIMU | Għollha ħalqu mill-ikel moqżież<br>dak il-midneb u mesħu max-xagħar<br>tar-ras min-naħa ta' wara ġa sfigurata. | Kif miġjuba minn Robert Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu tal-1965, p. 24. |
| ERIN SERRACINO-INGLOTT | Għolla ħalqu daqsxejn mill-ikla ġiefja<br>hedak il-midneb, xħin max-xagħar mesħu<br>tar-ras li kien ħassarha mill-warrani. | Kif ittraduċieha fl-edizzjoni tiegħu tal-1964, p. 242. |
| ALFRED PALMA | Il-ħalq għolla mill-ikla ta' stmerrija<br>Hedak il-midneb, jimsħu fix-xagħ'r demmi<br>Ta' dik ir-ras minn wara ġa moħlija. | Kif ittraduċieha fl-edizzjoni tiegħu tal-1991, p. 104. |

* Traskritta bl-ortografija moderna tal-Malti.

Malti miktub affaċċja t-test Dantesk ma setax ma jagħrafx is-setgħat tiegħu li mbagħad setgħu jintużaw f'kitbiet oriġinali. Naħseb, madankollu, l-għan prinċipali ma kienx sempliċiment li l-lingwa Maltija tingħata ammont ta' dekor... L-għanijiet prinċipali tat-tradutturi kienu didattiċi u morali" (1994: 119-120).

Wara Serracino-Inglott l-isfida Danteska daħal għaliha Alfred Palma. Fid-daħla għal *L-Infern* tas-26 ta' Ottubru 1986, Palma (1939-) jikteb li dam għoxrin sena jaqlibha (1991: 1). Għal din it-traduzzjoni, fl-1992 Palma rebaħ il-Premju Letterarju.

Fit-traduzzjoni letterarja għall-Malti, lid-Divina Commedia jisboqha biss isem William Shakespeare. Alfred Palma qaleb – u ppubblika – kważi x-xogħlijiet kollha ewlenin ta' Shakespeare, inklużi *Ġulju Ċesri*, tradott ukoll minn Valentin Barbara u ppubblikat fl-1970, *Ħamlet* u *Makbett*, li nqalbu wkoll minn Ġużè Bartolo, tal-ewwel ippubblikat fl-1971 u tal-aħħar fl-1997.



Dante Alighieri beda jikteb id-Divina Commedia bit-Taljan għall-ħabta tal-1308 u baqa' jaħdem fuqha sal-1320, sena qabel ma miet. L-ewwel edizzjoni stampata ġiet ippubblikata f'Foligno, l-Italja, minn Johann Numeister u Evangelista Angelini da Trevi fil-11 ta' April 1472. Mit-300 kopja stampati oriġinarjament għadhom jeżistu 14. Durante degli Alighieri, magħruf aħjar bħala Dante jew Dante Alighieri, twieled f'Firenze, l-Italja, għall-ħabta tal-1265. Aktarx li beda jaħdem fuq id-Divina Commedia meta kellu 35 sena.

**Biblijografija**


Azzopardi, Ludvic. "Biblijografija magħżula ta' traduzzjonijiet (1752-1994)." Teżi tal-BA (Unuri) Malti, L-Università ta' Malta, 1997.

Borg, Alfredo Eduardo. *La Divina Commedia ta' Dante Alighieri migiuba u imfissra bil-Malti*, Arturo Caruana, stampatur u editur proprjetarju, Nru 44, Rue d'Argens, L-Imsida, Malta, 1905.

Buhagiar, Paul A. "Dante u l-Kultura Maltija fis-Seklu XIX." Teżi tal-BA (Unuri) Malti, L-Università ta' Malta, 1994.

Chetcuti, Ġużè. *Ħbiebi l-Awturi Maltin – Ġrajja Awtobijografika fuq il-Letteratura Maltija*. Malta: PEG Ltd, 1998.

Friggieri, Oliver. *Cenni sulla fortuna di Dante nella letteratura maltese, Saggi sulla letteratura maltese*. Malta: Malta University Press, 1989.

Mifsud Bonnici, Robert. *Dante Alighieri – La Divina Commedia*. Valletta, 1965.

Palma, Alfred. *Id-Divina Commedia / Dante Alighieri; traduzzjoni u kumment ta' Alfred Palma*. Bir id-Deheb: Palprint Press, 1991.

Sapiano-Lanzon, Gianni. *Il hajja ta Dante Alighieri*. Il-Ħamrun, 1906.

Sapiano-Lanzon, Gianni. *Id-Divina Commedia ta' Dante Alighieri migjuba prosa fi lsienna minn Gianni Sapiano-Lanzon – L-infern*. Il-Ħamrun, 1905.

Sapiano-Lanzon, Gianni. *Il hames cant ta' L-Infern ta' Dante Alighieri maghmul poesija bil Malti*. Il-Ħamrun, 1913.

Serracino-Inglott, Erin. *Dante, Id-Divina Commedia – L-Infern, Traduzzjoni u Komment*. Valletta: L-Istamperija tal-Gvern, 1964.

Taylor, Richard. *Il Conti Ugolino mid-Divina Commedia: Cant ta' l-Infern ta' Dante Alighieri migiub fil-lsien Malti*. Malta, 1864.


*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*


L-edizzjonijiet elettroniċi

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

**l-accent@ec.europa.eu**



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*